VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 78 tal-2014

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2014 dwar Skambju ta' Informazzjoni (Stati Uniti tal-Amerika) (FATCA)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2014 dwar Skambju ta' Informazzjoni (Stati Uniti tal-Amerika) (FATCA).

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-iSkeda li tinsab ma' dan l-Ordni saru mal-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika bl-iskop ta' prevenzjoni ta' evażjoni fiskali;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett wara li jidħol fis-seħħ il-Ftehim u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim u l-Annessi li hemm miegħu;

(ċ) illi l-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tkun mħabbra b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

B 648

SKEDA

Artikolu 2

Ftehim
bejn
il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta
u
il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika
biex Itejbu l-Konformità Internazzjonali dwar it-Taxxa u biex Jimplimentaw
il-*Foreign Account Tax Compliance Act*

Billi, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika (kull wieħed, "Parti", u flimkien, il-"Partijiet") jixtiequ li jagħmlu ftehim biex itejbu l-konformità internazzjonali dwar it-taxxa permezz ta' assistenza reċiproka dwar materji ta' taxxa bbażata fuq infrastruttura effettiva għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni;

Billi, l-Artikolu 26 tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għall-Evitar ta' Taxxa Doppja u l-Prevenzjoni ta' Evażjoni Fiskali dwar Taxxi fuq l-*Income*, magħmul fil-Belt Valletta fit-8 ta' Awissu 2008 ("il-Konvenzjoni") jawtorizza l-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa, inkluż dak fuq bażi awtomatika;

Billi, l-Istati Uniti tal-Amerika promulgat provvedimenti komunement magħrufa bħala l-*Foreign Account Tax Compliance Act* ("FATCA"), li daħlet reġim ta' rappurtar għall-istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' ċerti kontijiet;

Billi, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta jappoġġja l-għan politiku aħħari tal-FATCA biex tittejjeb il-konformità dwar it-taxxa;

Billi, il-FATCA qajmet numru ta' kwistjonijiet, inkluż li istituzzjonijiet finanzjarji ta' Malta ma' ikunux jistgħu jikkonformaw ma' ċerti aspetti tal-FATCA minħabba f'impedimenti legali domestiċi;

Billi, il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika jiġbor informazzjoni dwar ċerti kontijiet miżmuma minn istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Uniti li jkunu residenti tar-Repubblika ta' Malta u li huwa kommess li jiskambja dik l-informazzjoni mal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u li jsegwi livelli ekwivalenti ta' skambju, sakemm is-salvagwardji xierqa u l-infrastruttura għal relazzjoni ta' skambju effettiv jkunu hemm;

Billi, il-Partijiet huma kommessi li jaħdmu flimkien fuq żmien itwal bil-għan li jaslu għal rappurtar komuni u *standards* ta' diliġenza xierqa għall-istituzzjonijiet finanzjarji;

Billi, il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika jirrikonoxxi l-bżonn li jiġu koordinati l-obbligi ta' rappurtar taħt il-FATCA ma' obbligi oħra ta' rappurtar ta'

taxxa tal-Istati Uniti ta' istituzzjonijiet finanzjarji tar-Repubblika ta' Malta biex jiġi evitat rappurtar doppju;

Billi, approċċ intergovernattiv għall-implimentazzjoni tal-FATCA ikun jindirizza l-impedimenti legali u jnaqqas il-piż għall-istituzzjonijiet finanzjarji tar-Repubblika ta' Malta;

Billi, il-Partijiet jixtiequ jagħmlu ftehim biex itejbu l-konformità internazzjonali dwar it-taxxa u jipprovdu għall-implimentazzjoni tal-FATCA ibbażat fuq rappurtar domestiku u skambju awtomatiku reċiproku skont il-Ftehim u soġġett għal kunfidenzjalità u protezzjonijiet oħra hemmhekk provduti, inkluż il-provvediment li jillimita l-użu tal-informazzjoni skambjata taħt il-Ftehim;

Issa, għalhekk, il-Partijiet ftehmu kif ġej:

ARTIKOLU 1

Tifsiriet

1. Għall-għanijiet ta' dan il-ftehim u kull anness miegħu ("il-Ftehim"), il-frażijiet li ġejjin għandu jkollhom it-tifsira kif tinsab hawn taħt:

a) Il-frażi "Stati Uniti" tfisser l-Istati Uniti tal-Amerika, inklużi l-Istati tagħha, u meta tiġi użata f'sens ġeografiku, tfisser it-territorju tal-art tal-Istati Uniti tal-Amerika, inkluż l-ilmijiet interni, u l-ispazju tal-ajru, il-baħar territorjali tagħha u kull area marittima 'l barra mill-baħar territorjali li fih l-Istati Uniti tal-Amerika tista' teżerċita drittijiet sovrani jew ġurisdizzjoni skont il-liġi internazzjonali; il-frażi, iżda, ma tinkludix it-Territorji tal-Istati Uniti. Kull riferenza għal "**Stat**" tal-Istati Uniti tinkludi d-Distrett ta' Columbia.

b) Il-frażi "**Territorju tal-Istati Uniti**" tfisser is-Samoa Amerikana, il-Commonwealth ta' Northern Mariana Islands, Guam, il-Commonwealth ta' Puerto Rico, jew il-U.S. Virgin Islands.

c) Il-frażi "**IRS**" tfisser l-*Internal Revenue Service* tal-Istati Uniti.

d) Il-frażi "**Malta**" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u, meta tiġi użata f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra tal-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom kif ukoll kull area ta' qiegħ il-baħar, is-sottoswol tiegħu u l-kolonna ta' baħar sovrajaċenti li tinsab adjaċenti mal-ibħra territorjali, li fihom Malta teżerċita drittijiet sovrani u ġurisdizzjoni skont il-liġi internazzjonali.

e) Il-frażi "**Ġurisdizzjoni Sieħba**" tfisser ġurisdizzjoni li għandha fis-seħħ ftehim mal-Istati Uniti biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-FATCA. L-IRS għandha tippubblika lista li tidentifika l-Ġurisdizzjonijiet Sieħba kollha.

f) Il-frażi "**Awtorità Kompetenti**" tfisser:

(1) fil-każ tal-Istati Uniti, is-Segretarju tat-Teżor jew id-delegat tiegħu; u

(2) fil-każ ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir- rappreżentant awtorizzat tiegħu.

g) Il-frażi "**Istituzzjoni Finanzjarja**" tfisser Istituzzjoni ta' Kustodja, Istituzzjoni Depożitarja, Entità ta' Investiment, jew Kumpannija ta' Assigurazzjoni Speċifikata.

h) Il-frażi "**Istituzzjoni ta' Kustodja**" tfisser kull Entità li żżomm bħala parti sostanzjali tan-negozju tagħha, assi finanzjarji akkont ta' oħrajn. Entità żżomm assi finanzjarji akkont ta' oħrajn bħala parti sostanzjali tan-negozju tagħha kemm-il darba l-*income* gross attribwibbli għaż-żamma tal-assi finanzjarji u servizzi finanzjarji relatati ikunu daqs jew aktar minn 20 fil-mija tal-*income* gross tal-entità matul l-iqsar ta': (i) il-perjodu ta' tliet snin li jtemm fil-31 ta' Diċembru (jew l-aħħar ġurnata ta' perjodu ta' kontijiet mhux kalendarju) qabel is-sena li fiha dan ikun qed jiġi stabbilit; jew (ii) il-perjodu li matulu l-entità tkun ilha teżisti.

i) Il-frażi "**Istituzzjoni Depożitarja**" tfisser kull Entità li taċċetta depożiti fil-kors ordinarju ta' negozju bankarju jew negozju simili.

j) Il-frażi "**Entità ta' Investiment**" tfisser kull Entità li tmexxi bħala negozju (jew li tkun immexxija minn entità li tmexxi negozju) waħda jew aktar minn dawn l-attivitajiet jew l-operazzjonijiet għal jew f'isem klijent:

(1) negozjar fi strumenti fis-suq tal-flus (*cheques*, *bills* tat-teżor, ċertifikati ta' depożitu, derivattivi, etc,); kambju ta' munita barraninja; strumenti ta' kambju, ta' rati ta' mgħax u ta' indiċi; titoli trasferibbli; jew negozjar ta' *commodity futures*;

(2) ġestjoni ta' portafoll individwali u kollettiv;

(3) inkella tinvesti, tamministra, jew tiġġestjona fondi jew flus f'isem persuni oħra.

Dan is-subparagrafu 1(j) għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti ma' lingwaġġ simili li jinsab fit-tifsira ta' "istituzzjoni finanzjarja" fir-Rakkomandazzjonijiet tal-*Financial Action Task Force*.

k) Il-frażi "**Kumpannija ta' Assigurazzjoni Speċifikata**" tfisser kull Entità li hi kumpannija ta' assigurazzjoni (jew il-kumpannija *holding* ta' kumpannija ta' assigurazzjoni) li toħroġ, jew hu obbligata li tagħmel pagamenti fir-rigward ta', Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew

Annuity Contract.

l) Il-frażi "**Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta**" tfisser (i) kull Istituzzjoni Finanzjarja residenti f'Malta, iżda li teskludi kull fergħa ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja li tkun tinsab barra minn Malta, u (ii) kull fergħa ta' Istituzzjoni Finanzjarja li ma tkunx residenti f'Malta, jekk dik il-fergħa tkun tinsab f'Malta;

m) Il-frażi "**Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba**" tfisser (i) kull istituzzjoni Finanzjarja stabbilita f'Ġurisdizzjoni Sieħba, iżda li teskludi kull fergħa ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja li tinsab barra l-Ġurisdizzjoni Sieħba, u (ii) kull fergħa ta' Istituzzjoni Finanzjarja li ma tkunx stabbilita fil-Ġurisdizzjoni Sieħba, jekk dik il-fergħa tkun tinsab fil-Ġurisdizzjoni Sieħba.

n) Il-frażi "**Istituzzjoni Finanzjarja ta' Rappurtar**" tfisser Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar, skont ma teħtieġ ir-rabta tal-kliem.

o) Il-frażi "**Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar**" tfisser kull Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta li ma tkunx Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Non-Rappurtar.

p) Il-frażi "**Istituzzjoni Finanzjarja tal-Istati Uniti ta' Rappurtar**" tfisser (i) kull Istituzzjoni Finanzjarja li tkun residenti fl-Istati Uniti, iżda teskludi kull fergħa ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja li tkun tinsab barra l-Istati Uniti, u (ii) kull fergħa ta' Istituzzjoni Finanzjarja li ma tkunx residenti fl-Istati Uniti, jekk dik il-fergħa tkun tinsab fl-Istati Uniti, sakemm dik l-Istituzzjoni Finanzjarja jew fergħa tkun tikkontrolla, tirċievi jew ikollha l-kustodja tal-*income* li dwaru l-informazzjoni tkun meħtieġa li tiġi skambjata taħt is-subparagrafu (2)(b) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim.

q) Il-frażi "**Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Non-Rappurtar**" tfisser kull Istituzzjoni Finanzjarja, jew Entità oħra residenti f'Malta li hi deskritta fl-Anness II bħala Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Non-Rappurtar jew li xort'oħra tikkwalifika bħala FFI meqjusa konformi jew sid benefiċjarju eżenti taħt ir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti.

r) Il-frażi "**Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti**" tfisser FFI mhux parteċipanti, kif dik il-frażi hi mfissra fir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti, iżda ma tinkudix Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba oħra barra minn Istituzzjoni Finanzjarja li tkun ittrattata bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti skont is-subparagrafu 2(b) tal-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim jew il-provvediment korrispondenti fi ftehim bejn l-Istati Uniti u Ġurisdizzjoni Sieħba.

s) Il-frażi "**Kont Finanzjarju**" tfisser kont miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja, u jinkludi:

(1) fil-każ ta' Entità li hi Istituzzjoni Finanzjarja biss minħabba li hi Entità ta' Investiment, kull interess ta' ekwità jew dejn (barra minn interessi li huma negozjati regolarment fuq suq ta' titoli stabbilit) fl-Istituzzjoni Finanzjarja;

(2) fil-każ ta' Istituzzjoni Finanzjarja li mhix deskritta fis-subparagrafu 1(s)(1) ta' dan l-Artikolu, kull interess ta' ekwità jew dejn fl-Istituzzjoni Finanzjarja (barra minn interessi li huma negozjati regolarment fuq suq ta' titoli stabbilit), jekk (i) il-valur tal-interess tad-dejn jew ekwità jiġi stabbilit, direttament jew indirettament, primarjament b'riferenza għall-assi li jagħtu lok għall-*US Source Withholdable Payments*, u (ii) il-klassi ta' interessi kienet stabbilita bil-għan li jiġi evitat rappurtar skont dan il-Ftehim; u

(3) kull Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus u kull *Annuity Contract* maħruġ jew miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja, barra minn *noninvestment-linked*, *nontransferable immediate life annuity* li tinħareġ lil individwu u li tikkonverti fi flus benefiċċju ta' pensjoni jew diżabilità ipprovdut taħt kont li hu eskluż mit-tifsira ta' Kont Finanzjarju fl-Anness II.

Minkejja dak li ntqal qabel, il-frażi "Kont Finanzjarju" ma tinkludix kull kont li hu eskluż mit-tifsira ta' Kont Finanzjarju fl-Anness II. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, interessi ikunu "negozjati regolarment" kemm-il darba jkun hemm volum sinifikanti ta' negozju fir-rigward tal-interessi fuq bażi kontinwa, u "suq ta' titoli stabbilit" tfisser borża li tkun rikonoxxuta uffiċjalment u sorveljata minn awtorità governattiva fejn ikun jinsab is-suq u li jkollha valur annwali sinifikanti ta' ishma negozjat fil-borża. Għall-għanijiet ta' dan is-subparagrafu 1(s), interess f'Istituzzjoni Finanzjarja ma jkunx "negozjat regolarment" u għandu jkun ittrattat bħala Kont Finanzjarju jekk id-detentur tal-interess (barra minn Istituzzjoni Finanzjarja li taġixxi bħala intermedjarju) ikun irreġistrat fuq il-kotba tal-Istituzzjoni Finanzjarja. Is-sentenza preċedenti ma tapplikax għall-interessi rreġistrati għall-ewwel darba fuq il-kotba ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja qabel l-1 ta' Lulju 2014, u fir-rigward ta' interessi rreġistrati għall-ewwel darba fuq il-kotba ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja fi jew wara l-1 ta' Lulju 2014, Istituzzjoni Finanzjarja ma tkunx meħtieġa li tapplika s-sentenza preċedenti qabel l-1 ta' Jannar 2016.

t) Il-frażi "**Kont Depożitarju**" tinkludi kull kont kummerċjali, kurrenti, ta' tfaddil, għal żmien, jew *thrift*, jew kont li jkun evidenzjat permezz ta' ċertifikat ta' depożitu, ċertifikat *thrift*, ċertifikat ta' investiment, ċertifikat ta' dejn, jew strument ieħor simili miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja fil-kors ordinarju ta' negozju bankarju jew negozju simili. Kont

VERŻJONI ELETTRONIKA

Depożitarju jinkludi wkoll ammont miżmum minn kumpannija ta' assigurazzjoni skont kuntratt ta' investiment garantit jew ftehim simili biex jitħallas jew jiġi kreditat mgħax fuqu.

u) Il-frażi "**Kont ta' Kustodja**" tfisser kont (barra minn Kuntratt ta' Assigurazzjoni jew *Annutiy Contract*) għal benefiċċju ta' persuna oħra li żżomm kull strument finanzjarju jew kuntratt miżmum għal investiment (inkluż, iżda mhux limitat għal, sehem jew *stock* f'korporazzjoni, *note*, *bond*, *debenture*, jew evidenza oħra ta' dejn, transazzjoni ta' flus jew prodotti, *credit default swap*, swap ibbażat fuq indiċi mhux finanzjarju, kuntratt prinċipali ta' nozzjoni, Kuntratt ta' Assigurazzjoni jew *Annuity Contract*, u kull strument ta' għażla jew derivat ieħor.

v) Il-frażi "**Interess ta' Ekwità**" tfisser, f'każ ta' soċjetà li tkun Istituzzjoni Finanzjarja, jew interess fil-kapital jew fil-profitti tas-soċjetà. F'każ ta' *trust* li jkun Istituzzjoni Finanzjarja, Interess ta' Ekwità jkun meqjus li jkun miżmum minn persuna li tkun ittrattata bħala *settlor* jew benefiċjarju tat-*trust* kollu jew f'parti minnu, jew kull persuna oħra naturali li tkun teżerċita l-kontroll effettiv aħħari fuq it-*trust*. Persuna tal-Istati Uniti Speċifikata għandha tiġi ittrattata bħala li tkun benefiċjarju ta' *trust* barrani jekk dik il-Persuna tal-Istati Uniti Speċifikata għandha d-dritt li tirċievi direttament jew indirettament (per eżempju, permezz ta' *nominee*) tqassim obbligatorju jew tista' tirċievi, direttament jew indirettament, tqassim diskrezzjonali mit-*trust*.

w) Il-frażi "**Kuntratt ta' Assigurazzjoni**" tfisser kuntratt (barra minn *Annuity Contract*) li taħtu l-emittent jaqbel li jħallas ammont meta tiġri kontinġenza speċifikata li tinvolvi riskju ta' mortalità, morbidità, inċident, responsabbilità jew proprjetà.

x) Il-frażi "***Annuity Contract***" tfisser kuntratt li taħtu l-emittent jaqbel li jagħmel pagamenti għal perjodu ta' żmien stabbilit kollu jew f'parti minnu b'riferenza għal dak li wieħed jistenna li jgħix individwu wieħed jew aktar minn wieħed. Il-frażi tinkludi wkoll kuntratt li hu kkunsidrat li hu *Annuity Contract* skont il-liġi, ir-regolament, jew il-prattika tal-ġurisdizzjoni li fiha il-kuntratt inħareġ, u li taħtu l-emittent jaqbel li jagħmel pagamenti għal terminu ta' żmien.

y) Il-frażi "**Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus**" tfisser Kuntratt ta' Assigurazzjoni (barra minn kuntratt ta' assigurazzjoni indennizz bejn żewġ kumpanniji ta' assigurazzjoni) li għandu Valur fi Flus ta' aktar minn $50,000.

z) Il-frażi "**Valur fi Flus**" tfisser l-akbar minn (i) l-ammont li d-detentur tal-polza hu intitolat li jirċievi meta jissarraf jew jiġi terminat kuntratt (stabbilit mingħajr tnaqqis għal xi ħlas għat-tisrif jew dejn fuq il-polza), u (ii) l-ammont li d-detentur tal-polza jista' jissellef taħt jew fir-

rigward tal-kuntratt. Minkejja dak li ntqal qabel, il-frażi "Valur fi Flus" ma tinkludix xi ammont pagabbli taħt Kuntratt ta' Assigurazzjoni bħal:

(1) benefiċċju ta' korriment personali jew ta' mard li jipprovdi indennizz ta' telf ekonomiku mġarrab meta jiġri l-avveniment li wieħed ikun assigura kontra tiegħu;

(2) rifużjoni lid-detentur tal-polza ta' primjum mħallas qabel taħt Kuntratt ta' Assigurazzjoni (barra minn kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja) minħabba kanċellazzjoni jew terminazzjoni, tnaqqis fl-espożizzjoni tar-riskju matul il-perjodu effettiv tal-Kuntratt tal-Assigurazzjoni, jew li jirriżulta minn *redetermination* tal-primjum minħabba korezzjoni ta' kollokament jew żball simili; jew

(3) dividend lid-detentur tal-polza ibbażat fuq l-esperjenza ta' sottoskrizzjoni tal-kuntratt jew grupp involut.

aa) Il-frażi "**Kont Rapportabbli**" tfisser Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti jew Kont Rapportabbli ta' Malta, skont ma teħtieġ ir-rabta tal-kliem.

bb) Il-frażi "**Kont Rapportabbli ta' Malta**" tfisser Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja tal-Istati Uniti ta' Rappurtar kemm-il darba: (i) fil-każ ta' Kont Depożitarju, il-kont ikun miżmum minn individwu residenti f'Malta u aktar minn $10 mgħax ikun imħallas f'dak il-kont f'xi sena kalendarja; jew (ii) fil-każ ta' Kont Finanzjarju barra minn Kont Depożitarju, id-Detentur tal-Kont ikun residenti f'Malta, inkluża Entità li tiċċertifika li tkun residenti f'Malta għall-finijiet tat-taxxa, li fir-rigward tagħha *income* li joriġina fl-Istati Uniti li hu soġġett li jiġi irrappurtat taħt il-kapitolu 3 tas-sub-titolu A jew il-kapitolu 61 tas-sub-titolu F tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti jiġi mħallas jew ikkreditat.

ċċ) Il-frażi "**Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti**" tfisser Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar u miżmum minn wieħed jew aktar Persuni tal-Istati Uniti Speċifikati jew minn Entità mhux tal-Istati Uniti li jkollha wieħed jew aktar Persuni li Jikkontrollaw li jkun Persuna tal-Istati Uniti Speċifikata. Minkejja dak li ntqal qabel, kont ma għandux jiġi ttrattat bħala Kont tal-Istati Uniti ta' Rappurtar kemm-il darba dak il-kont ma jkunx identifikat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti wara l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' diliġenza xierqa fl-Anness I.

dd) Il-frażi "**Detentur ta' Kont**" tfisser il-persuna elenkata jew identifikata bħala d-detentur ta' Kont Finanzjarju mill-Istituzzjoni Finanzjarja li żżomm il-kont. Persuna, barra minn Istituzzjoni Finanzjarja, li żżomm Kont Finanzjarju għall-benefiċċju jew akkont ta' persuna oħra bħala aġent, kustodju, *nominee*, firmatarju, konsulent ta' investiment, jew intermedjarju, ma tkunx ittrattata bħala li tkun iżżomm il-kont għall-għanijiet

ta' dan il-Ftehim, u dik il-persuna l-oħra tiġi ttrattata bħala li qed iżżomm il-kont. Għall-għanijiet tas-sentenza minnufih qabel din, il-frażi "Istituzzjoni Finanzjarja" ma tinkludix Istituzzjoni Finanzjarja organizzata jew inkorporata f'Territorju tal-Istati Uniti. Fil-każ ta' Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew *Annuity Contract*, id-Detentur tal-Kont ikun kull persuna intitolat għall-aċċess tal-Valur fi Flus jew li jibdel il-benefiċjarju tal-kuntratt. Kemm-il darba l-ebda persuna ma tkun tista' ikollha aċċess għall-Valur fi Flus jew li tibdel il-benefiċjarju, id-Detentur tal-Kont ikun kull persuna nominat bħala is-sid tal-kuntratt u kull persuna b'intitolament vestit għal pagament taħt it-termini tal-kuntratt. Mal-maturità ta' Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew *Annuity Contract*, kull persuna intitolata li tirċievi pagament taħt il-kuntratt tkun ittrattata bħala Detentur ta' Kont.

ee) Il-frażi "**Persuna tal-Istati Uniti**" tfisser ċittadin tal-Istati Uniti jew individwu residenti, soċjetà jew korporazzjoni organizzata fl-Istati Uniti jew taħt il-liġijiet tal-Istati Uniti jew xi Stat tagħha, *trust* kemm-il darba (i) qorti fl-Istati Uniti ikollha l-awtorità taħt il-liġi applikabbli li tagħti ordnijiet jew sentenzi rigward il-kwistjonijiet sostanzjalment kollha dwar l-amministrazzjoni ta' *trust*, u (ii) persuna waħda jew aktar tal-Istati Uniti għandhom l-awtorità li jikkontrollaw id-deċiżjonijiet sostanzjali kollha tat-*trust*, jew l-*estate* ta' min miet li jkun ċittadin jew residenti tal-Istati Uniti. Dan is-subparagrafu 1(ee) għandu jkun interpretat skont l-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti.

ff) Il-frażi "**Persuna tal-Istati Uniti Speċifikata**" tfisser Persuna tal-Istati Uniti, barra minn: (i) korporazzjoni li l-ishma tagħha ikunu negozjati regolarment f'suq tat-titoli stabbilit jew f'aktar minn wieħed; (ii) kull korporazzjoni li tkun membru tal-istess grupp affiljat estiż, kif imfisser fit-taqsima 1471(e)(2) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti, bħala korporazzjoni deskritta fil-klawżola (i); (iii) l-Istati Uniti jew kull aġenzija li tkun għalkollox proprjetà tal-Istati Uniti jew strumentalità tagħha; (iv) kull Stat tal-Istati Uniti, kull Territorju tal-Istati Uniti, kull sottodiviżjoni politika ta' dawn ta' qabel, jew kull aġenzija li tkun għalkollox proprjetà jew strumentalità ta' xi wieħed jew aktar minn dawn ta' qabel; (v) kull organizazzjoni eżenti mit-taxxa taħt it-taqsima 501(a) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti jew pjan għall-irtirar ta' individwu kif imfisser fit-taqsima 7701(a)(37) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti; (vi) kull bank kif imfisser fit-taqsima 581 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti; (vii) kull *trust* ta' investiment ta' proprjetà immobbli kif imfisser fit-taqsima 856 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti; (viii) kull kumpannija ta' investiment regolata kif imfisser fit-taqsima 851 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti jew kull entità reġistrata mas-*Securities and Exchange Commission* taħt l-*Investment Company Act* tal-1940 (15 U.S.C. 80a-64); (ix) kull fond komuni ta' *trust* kif imfisser fit-taqsima 584(a) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti; (x) kull *trust* li hu eżenti mit-taxxa taħt it-

taqsima 664(c) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti jew li hu deskritt fit-taqsima 4947(a)(1) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti; (xi) negozjant fit-titoli, komoditajiet, strumenti finanzjarji *derivative* (inklużi kuntratti prinċipali nozzjonali, *futures*, *forwards*, u *options*) li hu reġistrat bħala tali taħt il-liġijiet tal-Istati Uniti jew ta' xi Stat; (xii) browker kif imfisser fit-taqsima 6045(c) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti; jew *trust* eżenti mit-taxxa taħt pjan li hu deskritt fit-taqsima 403(b) jew it-taqsima 457(b) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti.

gg) Il-frażi "**Entità**" tfisser persuna legali jew arranġament legali bħal ma hu *trust*.

hh) Il-frażi "**Entità Mhux tal-Istati Uniti**" tfisser Entità li mhix Persuna tal-Istati Uniti.

ii) Il-frażi "***U.S. Source Withholdable Payment***" tfisser kull pagament ta' mgħax (inkluż kull skont fuq ħruġ oriġinali), dividendi, kirjiet, salarji, pagi, primjums, *annuities*, kumpensi, remunerazzjoni, emolumenti, u qligħ ieħor fiss jew li jiġi stabbilit annwalment jew perjodikament, profitti, u *income*, kemm-il darba dak il-pagament ikun minn għejjun fl-Istati Uniti. Minkejja dak li ntqal qabel, *U.S. Source Withholdable Payment* ma jinkludix kull pagament li ma jkunx ittratat bħala *withholdable payment* fir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti.

jj) Entità tkun "**Entità Relatata**" ta' Entità oħra kemm-il darba Entità jew l-oħra tikkontrolla l-Entità l-oħra, jew iż-żewġ Entitajiet ikunu taħt kontroll komuni. Għal dan il-għan kontroll jinkludi li tkun sid direttament jew indirettament ta'aktar minn 50 fil-mija tal-vot jew valur ta' Entità. Minkejja dak li ntqal qabel, l-awtorità kompetenti ta' Malta tista' titratta Entità mhux bħala Entità Relatata ta' Entità oħra kemm-il darba iż-żewġ Entitajiet mhumiex membri tal-istess grupp affiljat estiż kif imfisser fit-taqsima 1471(e)(2) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti.

kk) Il-frażi "**U.S. TIN**" tfisser in-numru li jiddentifika kontribwent federali tal-Istati Uniti.

ll) Il-frażi "**Malta TIN**" tfisser in-numru li jiddentifika ikontribwent ta' Malta.

mm) Il-frażi "**Persuni li Jikkontrollaw**" tfisser il-persuni naturali li jeżerċitaw kontroll fuq Entità. F'każ ta' *trust*, dik il-frażi tfisser is-*settlor*, it-*trustees*, il-*protector* (jekk hemm), il-benefiċjarji jew klassi ta' benefiċjarji, u kull persuna oħra naturali li teżerċità il-kontroll effettiv aħħari fuq it-*trust*, u fil-każ ta' arranġament legali barra minn *trust*, dik il-frażi tfisser persuni f'pożizzjonijiet ekwivalenti jew simili. Il-frażi "Persuni li Jikkontrollaw" għandha tkun interpretata b'mod konsistenti mar-rakkomandazzjonjiet tal-*Financial Action Task Force*.

2. Kull fraži mhux imfissra b'mod ieħor f'dan il-Ftehim għandha, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra jew l-Awtoritajiet Kompetenti jaqblu dwar tifsira komuni (kif permess taħt il-liġi domestika), ikollha it-tifsira mogħtija lilha f'dak il-waqt taħt il-liġi tal-Parti li qed tapplika il-Ftehim, hekk li tifsira taħt il-liġijiet tat-taxxa applikabbli ta' dik il-Parti tkun tipprevali fuq tifsira mogħtija lill-fraži taħt liġijiet oħra ta' dik il-Parti.

ARTIKOLU 2

Obbligi biex tikseb u tiskambja Informazzjoni fir-rigward ta' Kontijiet Rapportabbli

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tikseb l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Kontijiet Rapportabbli kollha u għandha tiskambja din l-informazzjoni kull sena mal-Parti l-oħra fuq bażi awtomatika skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni.

2. L-informazzjoni li għandha tinkiseb u tiġi skambjata hi:

a) Fil-każ ta' Malta fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti ta' kull Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar:

(1) l-isem, l-indirizz, u l-U.S. TIN ta' kull Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti li tkun Detentur ta' Kont ta' dak il-kont u, fil-każ ta' Entità Mhux tal-Istati Uniti li, wara l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' diliġenza xierqa kif jinsabu fl-Anness I, li tkun identifikata li jkollha wieħed jew aktar Persuni li Jikkontrollaw li jkun Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti;

(2) in-numru tal-kont (jew l-ekwivalent funzjonali fin-nuqqas ta' numru ta' kont);

(3) l-isem u n-numru li jiddentifika l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar;

(4) il-bilanċ tal-kont jew valur (inkluż, fil-każ ta' Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew *Annuity Contract*, il-Valur fi Flus jew il-valur tat-tisrif) fl-aħħar tas-sena kalendarja rilevanti jew xi perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar jew, jekk il-kont kien ingħalaq matul dik is-sena, minnufih qabel ingħalaq;

(5) fil-każ ta' kull Kont ta' Kustodja:

(A) l-ammont ta' mgħax totali gross, l-ammont ta' dividendi totali gross, u l-ammont totali gross ta' *income* ieħor iġġenerat fir-rigward tal-assi fil-kont, f'kull każ imħallas jew ikkreditat fil-kont (jew fir-rigward tal-kont) matul is-sena

kalendarja jew perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar;

(b) ir-rikavat totali gross mill-bejgħ jew fidi ta' proprjetà mħallas jew ikkreditat fil-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar f'liema rigward l-Istituzzjoni ta' Malta ta' Rappurtar aġixxiet bħala kustodju, browker, *nominee*, jew xort'oħra bħala aġent għad-Detentur tal-Kont;

(6) fil-każ ta' Kont Depożitarju, l-ammont totali gross tal-imgħax mħallas jew ikkreditat fil-kont matul is-sena jew perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar; u

(7) fil-każ ta' kull kont li mhux deskritt fis-subparagrafu 2(a)(5) jew 2(a)(6) ta' dan l-Artikolu, l-ammont totali gross mħallas jew ikkreditat lid-Detentur tal-Kont fir-rigward tal-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar f'liema rigward l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tkun l-obbligatur jew id-debitur, inkluż l-ammont aggregat ta' kull pagament ta' fidi magħmul lid-Detentur tal-Kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar.

b) Fil-każ tal-Istati Uniti, fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli ta' Malta ta' kull Istituzzjoni Finanzjarja tal-Istati Uniti ta' Rappurtar:

(1) l-isem, l-indirizz, u Malta TIN ta' kull persuna li tkun residenti ta' Malta u tkun Detentur ta' Kont tal-kont;

(2) in-numru tal-kont (jew l-ekwivalent funzjonali fin-nuqqas ta' numru ta' kont);

(3) l-isem u n-numru li jiddentifika l-Istituzzjoni Finanzjarja tal-Istati Uniti ta' Rappurtar;

(4) l-ammont gross ta' mgħax mħallas fuq Kont Depożitarju;

(5) l-ammont gross ta' dividendi minn għejjun tal-Istati Uniti mħallsa jew ikkreditati fil-kont; u

(6) l-ammont gross ta' *income* minn għejjun oħra tal-Istati Uniti mħallsa jew ikkreditati fil-kont, sakemm ikunu soġġetti għar-rappurtar taħt il-kapitolu 3 tas-sub-titolu A jew il-kapitolu 61 tas-sub-titolu F tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti.

ARTIKOLU 3

Żmien u Mod Għal Skambju ta' Informazzjoni

1. Għall-għanijiet ta' obbligu ta' skambju fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, l-ammont u l-karatterizzazzjoni tal-pagamenti magħmula fir-rigward ta' Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti jista' jiġi stabbilit skont il-prinċipji tal-liġijiet tat-taxxa ta' Malta, u l-ammont u l-karatterizzazzjoni ta' pagamenti magħmula fir-rigward ta' Kont Rapportabbli ta' Malta jista' jiġi stabbilit skont il-prinċipji tal-liġi federali tal-Istati Uniti tat-taxxa fuq l-*income*.

2. Għall-ġħanijiet ta' obbligu ta' skambju fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, l-informazzjoni skambjata għandha tiddentifika f'liema munita kull ammont rilevanti jkun denominat.

3. Fir-rigward tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, l-informazzjoni għandha tinkiseb u tiġi skambjata fir-rigward tal-2014 u s-snin sussegwenti kollha, ħlief li:

a) Fil-każ ta' Malta:

(1) l-informazzjoni li għandha tinkiseb u tiġi skambjata fir-rigward tal-2014 tkun biss l-informazzjoni deskritta fis-subparagrafi 2(a)(1) sa 2(a)(4) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim;

(2) l-informazzjoni li għandha tinkiseb u tiġi skambjata fir-rigward tal-2015 tkun l-informazzjoni deskritta fis-subparagrafi 2(a)(1) sa 2(a)(7) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, ħlief għar-rikavat gross deskritt fis-subparagrafu 2(a)(5)(B) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim; u

(3) l-informazzjoni li għandha tinkiseb u tiġi skambjata fir-rigward tal-2016 u s-snin sussegwenti tkun l-informazzjoni deskritta fis-subparagrafi 2(a)(1) sa 2(a)(7) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim;

b) Fil-każ tal-Istati Uniti, l-informazzjoni li għandha tinkiseb u tiġi skambjata fir-rigward tal-2014 u s-snin sussegwenti tkun l-informazzjoni kollha identifikata fis-subparagrafu 2(b) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim.

4. Minkejja l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli li jkun miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja ta' Rappurtar fit-30 ta' Ġunju 2014, u bla ħsara għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet mhumiex meħtieġa li jiksbu u jinkludu fl-informazzjoni skambjata l-Malta TIN jew il-U.S. TIN, kif applikabbli, ta' kull persuna rilevanti jekk in-numru li jidentifika dak il-kontribwent ma jkunx fir-rekords tal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Rappurtar. F'dak il-każ, il-Partijiet għandhom jiksbu u jinkludu fl-informazzjoni skambjata d-data tat-twelid tal-persuna rilevanti, kemm-il darba l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Rappurtar għandha dik id-data tat-twelid fir-rekords tagħha.

5. Bla ħsara għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 2 ta' dan il-ftehim għandha tiġi skambjata fi żmien disa' xhur wara t-tmiem tas-sena kalendarja li għaliha tirrelata l-informazzjoni.

6. L-Awtoritajiet Kompetenti ta' Malta u l-Istati Uniti għandhom jidħlu fi ftehim taħt il-proċedura ta' ftehim reċiproku li jipprovdi għalih l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni, li għandu:

a) jistabbilixxi l-proċeduri għall-obbligi tal-iskambju awtomatiku deskritt fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim;

b) jippreskrivi r-regoli u l-proċeduri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi implimentat l-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim; u

ċ) jistabbilixxi kif meħtieġ il-proċeduri neċessarji għall-iskambju tal-informazzjoni rrapurtata taħt is-subparagrafu 1(b) tal-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim.

7. L-informazzjoni kollha skambjata għandha tkun soġġetta għall-kunfidenzjalità u protezzjonijiet oħra pprovduti fil-Konvenzjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet li jillimitaw l-użu tal-informazzjoni skambjata.

8. Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Awtorità Kompetenti għandha tipprovdi avviż bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti l-oħra meta tkun sodisfatta li l-ġurisdizzjoni tal-Awtorità Kompetenti l-oħra għandha f'posthom (i) salvagwardji xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni li tirċievi skont dan il-Ftehim għandha tibqa' kunfidenzjali u tiġi użata unikament għall-finijiet ta' taxxa; u (ii) l-infrastruttura għall-relazzjoni effettiva ta' skambju (inkluż proċessi stabbiliti biex jiżguraw skambji ta' informazzjoni fil-ħin, preċiżi, u kunfidenzjali, komunikazzjonijiet effettivi u ta' min jorbot fuqhom, u kapaċitajiet li ntwerew biex issolvi fil-pront kwistjonijiet u tħassib dwar skambji u talbiet għall-iskambji u biex tamministra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim). L-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jippruvaw b'rieda tajba li jiltaqgħu, qabel Settembru 2015, biex jistabbilixxu li kull ġurisdizzjoni għandha tali salvagwardji u infrastruttura f'posthom.

9. L-obbligi tal-Partijiet li jiksbu u jiskambjaw l-informazzjoni taħt l-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim għandu jkollhom effett fid-data tal-aħħar mill-avviżi bil-miktub deskritti fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu. Minkejja dak li ntqal qabel, kemm-il darba l-Awtorità Kompetenti ta' Malta tkun sodisfatta li l-Istati Uniti għandha s-salvagwardji u l-infrastruttura deskritti fil-paragrafu 8 f'posthom, iżda iżjed ħin ikun neċessarju għall-Awtorità Kompetenti tal-Istati Uniti biex tistabbilixxi li Malta għandha tali salvagwardji u infrastruttura f'posthom, l-obbligu ta' Malta li tikseb u tiskambja l-informazzjoni taħt l-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim għandu jkollu effett fid-data tal-avviz bil-miktub ipprovdut mill-Awtorità Kompetenti ta' Malta lill-Awtorità Kompetenti tal-Istati Uniti skont il-paragrafu 8 ta' dan il-Ftehim.

10. Dan il-Ftehim għandu jkun terminat fit-30 ta' Settembru 2015, kemm-il darba l-Artikolu 2 ma jkollux effett għal xi Parti skont il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu sa dik id-data.

ARTIKOLU 4

Applikazzjoni tal-FATCA għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta

1. **Trattament ta' Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar**. Kull Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tiġi ttrattata bħala konformi ma', u mhux soġġetta għall-*withholding* taħt, it-taqsima 1471 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti jekk Malta tikkonforma mal-obbligi taħt l-Artikoli 2 u 3 ta' dan il-Ftehim fir-rigward ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar u l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar:

a) tiddentifika Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti u tirrapporta kull sena lill-Kummissarju tat-Taxxi ta' Malta l-informazzjoni meħtieġa li tkun irrappurtata fis-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim fiż-żmien u mod deskritt fl-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim;

b) għal kull sena 2015 u 2016, tirrapporta kull sena lill-Kummissarju tat-Taxxi ta' Malta l-isem ta' kull Istituzzjoni Finanzjara Mhux Parteċipanti lil liema għamlet pagamenti u l-ammont aggregat ta' dawk il-pagamenti;

ċ) tikkonforma mar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni applikabbli fuq il-*website* dwar reġistrazzjoni tal-IRS FATCA;

d) sakemm Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tkun (i) taġixxi bħala intermedjarju kwalifikat (għall-għanijiet tat-taqsima 1441 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti) li għażel li jassumi responsabbilità primarja ta' *withholding* taħt il-kapitolu 3 tas-sub-titolu A tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti, (ii) soċjetà barranija li għażlet li taġixxi bħala soċjetà barranija ta' *withholding* (għall-għanijiet taż-żewġ taqsimiet 1441 u 1471 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti), jew (iii) *trust* barrani li għażel li jaġixxi bħala *trust* barrani ta' *withholding* (għall-għanijiet taż-żewġ taqsimiet 1441 u 1471 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti), iżżomm 30 fil-mija ta' kull *U.S. Source Withholdable Payment* lil kull Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti; u

e) fil-każ ta' Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar li mhix deskritta fis-subparagrafu 1(d) ta' dan l-Artikolu u li tagħmel pagament ta', jew taġixxi bħala intermedjarju fir-rigward ta', *U.S. Source Withholdable Payment* lil Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tipprovdi lil kull pagatur immedjat ta' dak il-*U.S. Source Withholdable Payment* l-informazzjoni meħtieġa għall-*withholding* u biex isir l-irrappurtar fir-rigward ta' dak il-pagament.

Minkejja dak li ntqal qabel, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta li fir-rigward tagħha l-kundizzjonijiet ta' dan il-paragrafu 1 ma jkunux sodisfatti ma tkunx soġġetta għal *withholding* taħt it-taqsima 1471 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti sakemm dik l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tkun ittrattata mill-IRS bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti skont is-subparagrafu 2(b) tal-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim.

2. **Sospensjoni ta' Regoli Dwar Kontijiet Rikalċitranti**. L-Istati Uniti m'għandhomx jeħtieġu Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar biex iżżomm it-taxxa taħt it-taqsima 1471 jew 1472 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti fir-rigward ta' kont miżmum minn detentur ta' kont rikalċitranti (kif imfisser fit-taqsima 1471(d)(6) tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti), jew biex tagħlaq dak il-kont, kemm-il darba l-Awtorità Kompetenti tal-Istati Uniti tirċievi l-informazzjoni kif stabbilit fis-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim, fir-rigward ta' dak il-kont.

3. **Trattament Speċifiku ta' Pjanijiet ta' Irtirar ta' Malta**. L-Istati Uniti għandha tittrata bħala li huma meqjusa konformi FFIs jew sidien benefiċjarji eżenti, kif xieraq, għall-għanijiet tat-taqsimiet 1471 u 1472 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti, pjanijiet ta' irtirar ta' Malta deskritti fl-Anness II. Għal dan il-għan, pjan ta' irtirar ta' Malta jinkludi Entità stabbilita jew li tinsab fi, u irregolata minn, Malta, jew arranġament kuntrattwali predeterminat jew legali, mħaddem biex jipprovdi benefiċċji ta' pensjoni jew irtirar jew li jaqla' *income* biex jipprovdi dawk il-benefiċċji taħt il-liġijiet ta' Malta u rregolat fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet, tqassim, irrapurtar, *sponsorship*, u tassazzjoni.

4. **Identifikazzjoni u Trattament ta' FFI's Oħra li Huma Meqjusa Konformi u Sidien Benefiċjarji Eżenti**. L-Istati Uniti għandha tittratta kull Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Non-Rappurtar bħala FFI meqjusa konformi jew bħala sid benefiċjarju eżenti, kif xieraq, għall-għanijiet tat-taqsima 1471 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti.

5. **Regoli Speċjali Dwar Entitajiet Relatati u Fergħat li Huma Istituzzjonijiet Finanzjarji Mhux Parteċipanti**. Kemm-il darba Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta, li xort'oħra tissodisfa r-rekwiżiti deskritti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew hi deskritta fil-paragrafu 3 jew 4 ta' dan l-Artikolu, għandha Entità Relatata jew fergħa li taħdem f'ġurisdizzjoni li ma tħallix dik l-Entità Relatata jew fergħa milli tissodisfa r-rekwiżiti ta' FFI parteċipanti jew FFI li hi meqjusa konformi għall-għanijiet tat-taqsima 1471 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti jew għandha Entità Relatata jew fergħa li tkun ittrattata bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti unikament minħabba l-iskadenza tar-regola transitorja għall-FFIs "*limited*" jew fergħat "*limited*" taħt ir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti, dik l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta għandha tkompli tkun konformi mat-termini ta' dan il-Ftehim u għandha tkompli tkun ittrattata bħala FFI li hi meqjusa konformi jew sid benefiċjarju eżenti, kif xieraq, għall-għanijiet tat-taqsima 1471 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti,

sakemm li:

a) l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta titratta kwalunkwe tali Entità Relatata jew fergħa bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti separata għall-għanijiet tar-rekwiżiti kollha ta' rappurtar u *withholding* ta' dan il-Ftehim u kull Entità Relatata jew fergħa bħal dik tidddentifika lilha nnifisha lill-aġenti ta' *withholding* bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti;

b) kwalunkwe tali Entità Relatata jew fergħa tiddentifika l-kontijiet tagħha tal-Istati Uniti u tirrapporta l-informazjoni fir-rigward ta' dawk il-kontijiet kif meħtieġ taħt it-taqsima 1471 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti sakemm dan hu permess taħt il-liġijiet rilevanti li jappartjenu għall-Entità Relatata jew fergħa; jew

ċ) tali Entità Relatata jew fergħa ma tissolleċitax speċifikament kontijiet tal-Istati Uniti miżmuma minn persuni li mhumiex residenti fil-ġurisdizzjoni fejn tali Entità Relatata jew fergħa tinsab jew kontijiet miżmuma minn Istituzzjonijiet Mhux Parteċipanti li mhumiex stabbiliti fil-ġurisdizzjoni fejn tali Entità Relatata jew fergħa tinsab, u tali Entità Relatata jew fergħa ma tintużax mill-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta jew kull Entità Relatata oħra biex taħrab mill-obbligi taħt il-Ftehim jew taħt it-taqsima 1471 tal-*Internal Revenue Code* tal-Istati Uniti.

6. **Koordinazzjoni ta' Żmien**. Minkejja l-paragrafi 3 u 5 tal-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim:

a) Malta m'għandhiex tkun obbligata biex tikseb u tiskambja informazzjoni fir-rigward ta' sena kalendarja li tiġi qabel is-sena kalendarja li fir-rigward tagħha informazzjoni simili hi meħtieġa li tiġi rrappurtata lill-IRS minn FFIs parteċipanti skont ir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti;

b) Malta m'għandhiex tkun obbligata li tibda tiskambja informazzjoni qabel id-data li FFIs parteċipanti huma meħtieġa li jirrapurtaw informazzjoni simili lill-IRS sa dik id-data skont ir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti;

ċ) l-Istati Uniti m'għandhiex tkun obbligata li tikseb u tiskambja informazzjoni fir-rigward ta' sena kalendarja li tiġi qabel l-ewwel sena kalendarja li fir-rigward tagħha Malta hi meħtieġa li tikseb u tiskambja informazzjoni; u

d) l-Istati Uniti m'għandhiex tkun obbligata li tibda tiskambja informazzjoni qabel id-data li Malta tkun meħtieġa li tibda tiskambja informazzjoni minn dik id-data.

7. **Koordinazzjoni ta' Tifsiriet mar-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati**

Uniti. Minkejja l-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim u t-tifsiriet li jinsabu fl-Annessi ta' dan il-Ftehim, sabiex timplimenta dan il-Ftehim, Malta tista' tuża, u tista' tħalli lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta jużaw, tifsira fir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti minflok tifsira korrispondenti f'dan il-Ftehim, sakemm li tali applikazzjoni ma tiffrustrax l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 5

Kollaborazzjoni dwar Konformità u Infurzar

1. **Żbalji Żgħar u Amministrattivi**. Awtorità Kompetenti għandha tavża l-Awtorità Kompetenti tal-Parti l-oħra meta l-Awtorita l-ewwel imsemmija jidhrilha li żbalji amministrattivi jew żbalji oħra żgħar setgħu wasslu għal rappurtar ta' informazzjoni skorrett jew mhux komplut jew irriżultaw fi ksur ieħor ta' dan il-Ftehim. L-Awtorità Kompetenti ta' dik il-Parti l-oħra għandha tapplika l-liġi domestika tagħha (inkluż il-penali applikabbli) sabiex tikseb informazzjoni korretta u/jew kompleta jew biex tirrisolvi ksur ieħor ta' dan il-Ftehim.

2. **Nuqqas ta' Konformità Sinifikanti**.

a) Awtorità Kompetenti għandha tavża l-Awtorità Kompetenti tal-Parti l-oħra meta l-Awtorità Kompetenti l-ewwel imsemmija tkun stabbiliet li hemm nuqqas ta' konformità sinifikanti mal-obbligi taħt dan il-Ftehim dwar Istituzzjoni Finanzjarja ta' Rappurtar fil-ġurisdizzjoni l-oħra. L-Awtorità Kompetenti ta' dik il-Parti l-oħra għandha tapplika il-liġi domestika tagħha (inkluża l-penali applikabbli) biex tindirizza in-nuqqas ta' konformità deskritt fl-avviż.

b) Kemm-il darba, f'każ ta' Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar, tali azzjonijiet ta' infurzar ma jsolvux in-nuqqas ta' konformità f'perjodu ta' 18 il-xahar wara li l-avviż ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti jkun provdut, l-Istati Uniti għandha tittratta lill-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti skont is-subparagrafu 2(b).

3. **Dipendenza fuq Parti Terza ta' Fornituri ta' Servizz**. Kull Parti tista' tippermetti Istituzzjoni Finanzjarja ta' Rappurtar li tuża Parti Terza ta' Fornituri ta' Servizz sabiex tissodisfa l-obbligi imposti fuq tali Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Rappurtar, kif kontemplat f'dan il-Ftehim, iżda dawk l-obbligi għandhom jibqgħu r-responsabbilità tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Rappurtar.

4. **Prevenzjoni ta' Evitar**. Il-Partijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti neċessarji biex jipprevjenu Istituzzjonijiet Finanzjarji milli jaddottaw prattiċi intiżi biex jaħarbu r-rappurtar meħtieġ taħt dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 6

Impenn Reċiproku biex Titkompla Tittejjeb l-Effettività tal-Iskambju ta' Informazzjoni u t-Trasparenza

1. **Reċiproċità**. Il-Gvern tal-Istati Uniti jagħraf il-ħtieġa li jinkisbu livelli ekwivalenti ta' skambju ta' informazzjoni awtomatiku reċiproku ma' Malta. Il-Gvern tal-Istati Uniti hu impenjat li jtejjeb iżjed it-trasparenza u li jtejjeb ir-relazzjoni dwar skambju ma' Malta billi jsegwi li jaddotta regolamenti u javvanza u jappoġġja leġislazzjoni rilevanti biex jikseb tali livelli ekwivalenti ta' skambju ta' informazzjoni awtomatiku reċiproku.

2. **Trattament ta' Pagamenti *Passthru* u Rikavati Gross**. Il-Partijiet huma impenjati li jaħdmu flimkien, ukoll ma' Ġurisdizzjonijiet Sieħba, biex jiżviluppaw approċċ alternattiv prattiku u effettiv biex jinkisbu l-għanijiet ta' politika ta' *withholding* li timminimizza l-piż dwar pagamenti *passthru* barranin u rikavati gross.

3. **Żvilupp ta' Rappurtar Komuni u Mudell ta' Skambju**. Il-Partijiet huma impenjati li jaħdmu ma' Ġurisdizzjonijiet Sieħba, l-Organizzazzjoni Għal Koooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, u l-Unjoni Ewropea, biex jaddattaw it-termini ta' dan il-Ftehim u ftehim oħra bejn l-Istati Uniti u Ġurisdizzjonijiet Sieħba għal mudell komuni għall-iskambju ta' informazzjoni awtomatiku, inkluż l-iżvilupp ta' *standards* ta' rappurtar u diliġenza xierqa għall-istituzzjonijiet finanzjarji.

4. **Dokumentazzjoni ta' Kontijiet Miżmuma fit-30 ta' Ġunju 2014**. Fir-rigward ta' Kontijiet Rapportabbli miżmuma minn Istituzzjoni Finanzjarja fit-30 ta' Ġunju 2014:

a) L-Istati Uniti timpenja ruħha li tistabbilixxi, sa l-1 ta' Jannar 2017, għar-rappurtar fir-rigward tal-2017 u s-snin sussesgwenti, regoli li jeħtieġu lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-Istati Uniti ta' Rappurtar li jiksbu u jirrapurtaw il-Malta TIN ta' kull Detentur ta' Kont ta' Kont Rapportabbli ta' Malta kif meħtieġ skont is-subparagrafu 2(b)((1) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim; u

b) Malta timpenja ruħha li tistabbilixxi, sa l-1 ta' Jannar 2017, għar-rappurtar fir-rigward tal-2017 u s-snin sussesgwenti, regoli li jeħtieġu lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Rappurtar li jiksbu il-U.S. TIN ta' kull Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti kif meħtieġ skont is-subparagrafu 2(a)((1) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 7

Konsistenza fl-Applikazzjoni tal-FATCA għall-Ġurisdizzjonijiet Sieħba

1. Malta għandha tingħata l-benefiċċju ta' xi termini aktar favorevoli taħt

l-Artikolu 4 tal-Anness I ta' dan il-Ftehim dwar l-applikazzjoni tal-FATCA għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta li ġew mogħtija lill-Ġurisdizzjoni Sieħba oħra taħt ftehim bilaterali ffirmat li skontu l-Ġurisdizzjoni Sieħba l-oħra timpenja ruħha li tieħu fuqha l-istess obbligi bħal Malta deskritti fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan il-Ftehim, u bla ħsara għall-istess termini u kundizzjonijiet kif deskritti hemmhekk u fl-Artikoli 5 sa 9 ta' dan il-Ftehim.

2. L-Istati Uniti għandha tavża lill-Malta b'tali termini aktar favorevoli u tali termini aktar favorevoli għandhom japplikaw awtomatikament taħt dan il-Ftehim bħallikieku tali termini kienu speċifikati f'dan il-Ftehim u effettivi fid-data tal-bidu fis-seħħ tal-ftehim li jinkorpora t-termini aktar favorevoli, sakemm Malta ma taċċettax l-applikazzjoni tagħhom.

ARTIKOLU 8

Konsultazzjonijiet u Emendi

1. F'każ li jqumu xi diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, kull Parti tista' titlob li ssir konsultazzjoni biex jiġu żviluppati miżuri xierqa biex jiżguraw it-twettiq ta' dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat permezz ta' ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet. Sakemm ma jkunx miftiehem xort'oħra, tali ftehim għandu jidħol fis-seħħ permezz tal-istess proċedura stabbilita fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 9

Annessi

L-Annessi jiffurmaw parti integrali ma' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 10

Terminu tal-Ftehim

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-avviż bil-miktub ta' Malta lill-Istati Uniti li Malta wettqet il-proċeduri interni meħtieġa sabiex dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ.

2. Kull Parti tista' tittermina dan il-Ftehim billi tagħti avviż ta' terminazzjoni bil-miktub lill-Parti l-oħra. Dik it-terminazzjoni għandha tkun effettiva mill-ewwel jum tax-xahar li jaħbat wara li jintemm perjodu ta' 12 il-xahar wara d-data tal-avviż ta' terminazzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom, qabel il-31 ta' Diċembru 2016 jikkonsultaw b'rieda tajba biex jemendaw dan il-Ftehim kif meħtieġ sabiex jiġi rifless il-progress fl-impenji stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim.

B'xiehda ta' dan, is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fil-Belt Valletta, f'żewġ testi, fl-ilsien Ingliż, illum 16 ta' Diċembru 2013.

Għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta Edward Scicluna Ministru għall-Finanzi	Għall-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika Gina Abercrombie Winstanley Ambaxxatur

---

ANNESS I

OBBLIGI TA' DILIĠENZA XIERQA GĦALL-IDENTIFIKAR U IRRAPURTAR DWAR KONTIJIET RAPPORTABBLI TAL-ISTATI UNITI U DWAR PAGAMENTI LIL ĊERTI ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI MHUX PARTEĊIPANTI

I. **Ġenerali**.

A. Malta għandha teħtieġ li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Rappurtar japplikaw il-proċeduri ta' diliġenza xierqa li jinsabu f'dan l-Anness I sabiex jiddentifikaw Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti u kontijiet miżmuma minn Istituzzjonijiet Finanzjarji Mhux Parteċipanti

B. Għall-għanijiet tal-Ftehim,

1. L-ammonti f'dollari kollha huma f'dollari tal-Istati Uniti u għandhom jinftehmu li jinkludu l-ekwivalenti f'muniti oħrajn.

2. Ħlief kif xort'oħra provdut hawnhekk, il-bilanċ jew il-valur ta' kont għandu jkun stabbilit kif jkun fl-aħħar jum tas-sena kalendarja jew perjodu ieħor ta' rappurtar xieraq.

3. Meta l-limitu ta' bilanċ jew valur għandu jkun stabbilit kif jkun fit-30 ta' Ġunju 2014, taħt dan l-Anness I, il-bilanċ jew il-valur rilevanti għandu jkun stabbilit kif jkun fl-aħħar jum tal-perjodu ta' rappurtar li jintemm minnufih qabel it-30 ta' Ġunju 2014, u meta l-limitu ta' bilanċ jew valur għandu jkun stabbilit kif jkun fl-aħħar jum tas-sena kalendarja taħt dan l-Anness I, il-bilanċ jew il-valur rilevanti għandu jkun stabbilit kif jkun fl-aħħar jum tal-perjodu ta' rappurtar li jintemm ma' jew matul dik is-sena kalendarja.

4. Bla ħsara għas-subparagrafu E(1) tat-taqsima II ta' dan l-Anness I, kont għandu jkun ittrattat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti li jibda fid-data li jiġi identifikat bħala tali skont il-proċeduri ta' diliġenza f'dan l-Anness I.

5. Sakemm mhux provdut xort'oħra, l-informazzjoni fir-rigward ta' Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti għandha tkun irrapurtata kull sena fis-sena kalendarja li taħbat wara s-sena li l-informazzjoni tirrelata għaliha.

Ċ. Bħala alternattiva għall-proċeduri deskritti f'kull taqsima ta' dan l-Anness I, Malta tista' tippermetti Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta li jistrieħu fuq il-proċeduri deskritti fir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti biex jistabillixxu jekk kont hu Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti jew kont miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti. Malta tista' tippermetti Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Rappurtar li jagħmlu dik l-għażla separatament għal kull taqsima ta' dan l-Anness I jew fir-rigward tal-Kontijiet Finanzjarji rilevanti kollha jew, separatament, fir-rigward ta' grupp ta' tali kontijiet identifikat b'mod ċar (bħal linja ta' negozju jew il-post fejn il-kont ikun miżmum).

II. **Kontijiet Individwali Pre-eżistenti**. Ir-regoli u l-proċeduri li ġejjin japplikaw għall-għanijiet li jiġu identifikati Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti fost Kontijiet Pre-eżistenti miżmuma minn individwi ("Kontijiet Individwali Pre-eżistenti").

A. **Kontijiet Mhux Meħtieġa li Jiġu Riveduti, Identifikati jew Irrapurtati**. Sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ma tagħżilx xort'oħra, jew fir-rigward tal-Kontijiet Individwali Pre-eżistenti kollha, jew, separatament, fir-rigward ta' xi grupp ta' tali kontijiet identifikat b'mod ċar, meta r-regoli li jimplimentaw f'Malta jipprovdu għal tali għazla, il-Kontijiet Individwali Pre-eżistenti li ġejjin ma jkunux meħtieġa li jiġu riveduti, identifikati jew irrapurtati bħal Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti.

1. Bla ħsara għas-subparagrafu E(2) ta' din it-taqsima, Kont Individwali Pre-eżistenti b'bilanċ jew valur li ma jeċċedix $50,000 fit- 30 ta' Ġunju 2014.

2. Bla ħsara għas-subparagrafu E(2) ta din it-taqsima, Kont Individwali Pre-eżistenti li jkun Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew *Annuity Contract* b'bilanċ jew valur ta' $250,000 jew inqas fit-30 ta' Ġunju 2014.

3. Kont Individwali Pre-eżistenti li jkun Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew *Annuity Contract*, sakemm il-liġi jew regolamenti ta' Malta jew tal-Istati Uniti jipprevjenu effettivament il-bejgħ ta' tali Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew *Annuity Contract* lil residenti tal-Istati Uniti (eżempju, kemm-il darba l-Istituzjoni Finanzjarja rilevanti ma jkollhiex

ir-reġistrazzjoni meħtieġa taħt il-liġi tal-Istati Uniti, u l-liġi ta' Malta teħtieġ irrapurtar jew *withholding* fir-rigward ta' prodotti ta' assigurazzjoni miżmuma minn residenti ta' Malta).

4. Kont Depożitarju b'bilanċ ta $50,000 jew inqas.

B. **Proċeduri ta' Reviżjoni Dwar Kontijiet Individwali Pre-eżistenti b'Bilanċ jew Valur fit-30 ta' Ġunju 2014, li Jeċċedi $50,000 ($250,000 dwar Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew *Annuity Contract*), Iżda li ma Jeċċedix $1,000,000 ("Kontijiet b'Valur Baxx")**.

1. **Tfittxija ta' Rekords Elettroniċi**. L-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tirrevedi elettronikament *data* riċerkabbli miżmuma mill-Istitużżjoni Finanzjarja ta' Malta għal xi indizji tal-Istati Uniti li ġejjin:

a) Identifikazzjoni tad-Detentur tal-Kont bħala ċittadin jew residenti tal-Istati Uniti;

b) Indikazzjoni li mhix ambigwa ta' post tat-twelid fl-Istati Uniti;

ċ) Indirizz kurrenti tal-posta jew ta' residenza fl-Istati Uniti (inkluż kaxxa postali tal-Istati Uniti);

d) Numru kurrenti tat-telefon fl-Istati Uniti;

e) Istruzzjonijiet permanenti sabiex jiġu trasferiti fondi lil kont miżmum fl-Isati Uniti;

f) Prokura jew awtorità għall-firmatarju li tkun effettiva attwalment u mogħtija lil persuna b'indirizz fl-Istati Uniti; jew

g) Indirizz "*in-care-of*" jew "*hold mail*" li jkun l-uniku indirizz li l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha iffajljata dwar id-Detentur tal-Kont. Fil-każ ta' Kont Individwali Pre-eżistenti li hu Kont b'Valur Baxx, indirizz "*in care of*" barra l-Istati Uniti jew indirizz "*hold mail*" m'għandhomx jiġu ittratati bħala indizji tal-Istati Uniti.

2. Kemm-il darba l-ebda waħda mill-indizji tal-Istati Uniti elenkati fis-subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima ma jiġu skoperti fit-tfittxija elettronika, allura l-ebda azzjoni oħra ma tkun meħtieġa sakemm ma jkunx hemm tibdil fiċ-cirkustanzi li jirriżulta f'waħda jew aktar mill-indizji tal-Istati Uniti li tkun assoċjata mal-kont, jew il-kont isir Kont b'Valur Għoli deskritt fil-paragrafu D ta' din it-taqsima.

3. Kemm-il darba xi waħda mill-indizji tal-Istati Uniti elenkati fis-

subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima tiġi skoperta fit-tfittxija elettronika, jew jekk ikun hemm tibdil fiċ-ċirkustanzi li jirriżulta f'waħda jew aktar mill-indizji tal-Istati Uniti li tkun assoċjata mal-kont, allura l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti sakemm ma tagħżilx li tapplika is-subparagrafu B(4) ta' din it-taqsima u waħda mill-eċċezzjonijiet f'dak is-subparagrafu tapplika fir-rigward ta' dak il-kont.

4. Minkejja sejba ta' indizji tal-Istati Uniti taħt is-subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar ma tkunx meħtieġa li tittratta kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti kemm-il darba:

a) Meta l-informazzjoni dwar id-Detentur tal-Kont tindika mingħajr ambigwità ***post tat-twelid fl-Istati Uniti***, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tikseb jew qabel tkun irrevediet u iżżomm rekord ta':

(1) Awto-ċertifikazzjoni li d-Detentur tal-Kont la hu ċittadin tal-Istati Uniti u lanqas residenti tal-Istati Uniti għall-għanijiet tat-taxxa (li tista' issir fuq il-formola tal-IRS W-8 jew xi formola oħra simili miftiehma);

(2) Passaport mhux tal-Istati Uniti jew xi identifikazzjoni oħra maħruġa minn gvern li tkun evidenza taċ-ċittadinanza jew nazzjonalità tad-Detentur tal-Kont ta' pajjiż barra mill-Istati Uniti; ***u***

(3) Kopja taċ-Ċertifikat tat-Telf ta' Nazzjonalità tal-Istati Uniti tad-Detentur tal-Kont jew spjegazzjoni raġonevoli ta':

(a) Ir-raġuni għala d-Detentur tal Kont m'għandux tali ċertifikat minkejja l-abbandunar taċ-ċittadinanza tal-Istati Uniti ***jew***

(b) Ir-raġuni għala d-Detentur tal-Kont ma kisibx ċittadinanza tal-Istati Uniti mat-twelid.

b) Meta l-informazzjoni dwar id-Detentur tal-Kont ikun fiha ***indirizz postali jew residenzjali attwali fl-Istati Uniti, jew numru tat-telefon jew aktar tal-Istati Uniti li jkunu l-uniċi numri assoċjati mal-kont***, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tikseb, jew qabel tkun irrevediet u iżżomm rekord ta':

(1) Awto-ċertifikazzjoni li d-Detentur tal-Kont la hu ċittadin tal-Istati Uniti u lanqas residenti tal-Istati Uniti għall-

għanijiet tat-taxxa (li tista' issir fuq il-formola tal-IRS W-8 jew xi formola oħra simili miftiehma);

(2) Evidenza dokumentarja, kif imfisser fil-paragrafu D tat-taqsima VI ta' dan l-Anness I, li tistabillixxi li l-istatus tad-Detentur tal-Kont mhux tal-Istati Uniti.

(ċ) Meta l-informazzjoni dwar id-Detentur tal-Kont ikun fiha ***istruzzjonijiet permanenti biex jiġu trasferiti fondi lill-kont miżmum fl-Istati Uniti***, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tikseb, jew qabel tkun irrevediet u iżżomm rekord ta':

(1) Awto-ċertifikazzjoni li d-Detentur tal-Kont la hu ċittadin tal-Istati Uniti u lanqas residenti tal-Istati Uniti għall-għanijiet tat-taxxa (li tista' issir fuq il-formola tal-IRS W-8 jew xi formola oħra simili miftiehma);

(2) Evidenza dokumentarja, kif imfisser fil-paragrafu D tat-taqsima VI ta'dan l-Anness I, li tistabillixxi li l-istatus tad-Detentur tal-Kont mhux tal-Istati Uniti.

d) Meta l-informazzjoni dwar id-Detentur tal-Kont ikun fiha ***prokura jew awtorità għall-firmatarju li tkun effettiva attwalment u mogħtija lill-persuna b'indirizz fl-Istati Uniti, għandha indirizz "in-care-of" jew indirizz "hold mail" li jkun l-uniku indirizz identifikat mad-Detentur tal-Kont, jew għandha numru jew aktar minn numru tat-telefon tal-Istati Uniti (kemm-il darba numru tat-telefon mhux tal-Istati Uniti jkun ukoll assoċjat mal-kont)***, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tikseb, jew qabel tkun irrevediet u iżżomm rekord ta':

(1) Awto-ċertifikazzzjoni li d-Detentur tal-Kont la hu ċittadin tal-Istati Uniti u lanqas residenti tal-Istati Uniti għall-għanijiet tat-taxxa (li tista' issir fuq il-formola tal-IRS W-8 jew xi formola oħra simili miftiehma);

(2) Evidenza dokumentarja, kif imfisser fil-paragrafu D tat-taqsima VI ta' dan l-Anness 1, li tistabillixxi li l-istatus tad-Detentur tal-Kont mhux tal-Istati Uniti.

Ċ. **<u>Proċeduri Addizzjonali Applikabbli Għal Kontijiet Individwali Pre-eżistenti li Huma Kontijiet b'Valur Baxx</u>**.

1. Reviżjoni ta' Kontijiet Individwali Pre-eżistenti li huma Kontijiet b'Valur Baxx għall-indizji tal-Istati Uniti għandhom ikunu magħmula sat-30 ta' Ġunju 2016.

2. Kemm-il darba jkun hemm tibdil fiċ-ċirkustanzi fir-rigward ta'

Kont Individwali Pre-eżistenti li hu Kont b'Valur Baxx li jirriżulta f'wieħed jew aktar indizji tal-Istati Uniti deskritti fis-subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima li jkun assoċjat mal-kont, allura l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha titratta l-kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti sakemm ma japplikax s-subparagrafu B(4) ta' din it-taqsima.

3. Ħlief għal Kontijiet Depożitarji deskritti fis-subparagrafu A(4) ta' din it-taqsima, kull Kont Individwali Pre-eżistenti li jkun ġie identifikat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti taħt din it-taqsima għandu jiġi ittrattat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti għas-snin kollha sussegwenti, sakemm id-Detentur tal-Kont ma jibqax Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti.

D. **Proċeduri ta' Reviżjoni Mtejba Għall-Kontijiet Individwali Pre-eżistenti b'Bilanċ jew Valur li Jeċċedi $1,000,000 fit-30 ta' Ġunju 2014, jew fil-31 ta' Diċembru 2015 jew Kull Sena Sussegwenti ("Kontijiet b'Valur Għoli")**.

1. **Tfittxija ta' Rekords Elettroniċi**. L-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tirrevedi *data* riċerkabbli elettronikament miżmuma minn Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għal kull indizji tal-Istati Uniti deskritti fis-subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima.

2. **Tfittxija ta' Rekords Fuq il-Karta**. Kemm-il darba d-*databases* riċerkabbli elettronikament tal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tinkludi taqsimiet għal, u taqbad dik l-informazzjoni kollha deskritta fi, is-subparagrafu D(3) ta' din it-taqsima, allura l-ebda tfittxija oħra ta' rekords fuq il-karta ma tkun meħtieġa. Kemm-il darba d-*databases* elettroniċi ma jaqbdux din l-informazzjoni kollha, allura fir-rigward ta' Kont b'Valur Għoli, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha wkoll tirrevedi l-fajl *master* tal-klijent kurrenti u, sakemm ma jinsabx fil-fajl *master* tal-klijent kurrenti, id-dokumenti li ġejjin assoċjati mal-kont u miksuba mill-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar fl-aħħar ħames snin għal xi waħda mill-indizji tal-Istati Uniti deskritti fis-subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima:

a) L-evidenza dokumentarja l-aktar riċenti miġbura fir-rigward tal-kont;

b) Il-kuntratt jew id-dokumentazzjoni l-aktar riċenti dwar il-ftuħ tal-kont;

ċ) Id-dokumentazzjoni l-aktar riċenti miksuba mill-Istituzzjoni Fianzjarja ta' Malta ta' Rappurtar skont il-proċeduri ta' AML/KYC jew għall-għanijiet oħra regolatorji;

d) Kull formola ta' prokura jew ta' awtorità għall-firmatarju li tkun attwalment fis-seħħ; u

e) Kull struzzjoni permanenti sabiex jiġu trasferiti fondi li tkun attwalment fis-seħħ.

3. **<u>Eċċezzjoni Meta d-*Databases* Ikun Fihom Informazzjoni Biżżejjed</u>**. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar mhix meħtieġa li tagħmel tfittxija ta' rekords fuq il-karta deskritti fis-subparagrafu D(2) ta' din it-taqsima kemm-il darba l-informazzjoni riċerkabbli elettronikament tal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tinkludi dan li ġej:

a) L-istatus ta' nazzjonalità jew residenza tad-Detentur tal-Kont;

b) L-indirizz residenzjali u postali tad-Detentur tal-Kont attwalment iffajljat mal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar;

ċ) In-numru (numri) tat-telefon tad-Detentur tal-Kont iffajljati attwalment, jekk ikun hemm, mal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar;

d) Meta jkun hemm istruzzjonijiet permanenti sabiex jiġu ttrasferiti fondi fil-kont għall-kont ieħor (inkluż kont f'fergħa oħra tal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar jew Istituzzjoni Finanzjarja oħra);

e) Jekk hemm indirizz "*in-care-of*" jew "*hold mail*" attwali għad-Detentur tal-Kont; u

f) Jekk hemm xi prokura jew awtorità għall-firmatarju għall-kont.

4. **<u>Inkjesta ta' Maniġer ta' Relazzjoni Għal Tagħrif Attwali</u>**. B'żieda mat-tfittxijiet ta' rekords elettroniċi u fuq il-karta deskritti hawn fuq, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha titratta bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti kull Kont b'Valur Għoli assenjat lill-maniġer ta' relazzjoni (inkluż kull Kont Finanzjarju aggregat ma' tali Kont b'Valur Għoli) kemm-il darba l-maniġer ta' relazzjoni għandu tagħrif attwali li d-Detentur tal-Kont jkun Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti.

5. **<u>L-effett ta' Sejba ta' Indizji tal-Istati Uniti</u>**.

a) Kemm-il darba l-ebda wieħed mill-indizji tal-Istati Uniti elenkati fis-subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima ma jiġi skopert fir-reviżjoni mtejba tal-Kontijiet b'Valur Għoli deskritti hawn fuq, u l-kont ma jkunx identifikat bħala li jkun miżmum minn Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti fis-subparagrafu D(4) ta' din it-taqsima, allura l-ebda azzjoni oħra ma tkun meħtieġa sakemm jkun hemm tibdil fiċ-ċirkustanzi li jirriżulta f'wieħed jew aktar indizji tal-Istati Uniti li jkunu assoċjati mal-kont.

b) Kemm-il darba xi wieħed mill-indizji tal-Istati Uniti fis-subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima ma jiġi skopert fir-reviżjoni mtejba tal-Kontijiet b'Valur Għoli deskritti hawn fuq, jew jekk jkun hemm tibdil fiċ-

ċirkustanzi sussegwenti li jirriżulta f'wieħed jew aktar mill-indizji tal-Istati Uniti li jkun assoċjat mal-kont, allura l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti sakemm ma tagħżilx li tapplika s-subparagrafu B(4) ta' din it-taqsima u waħda mill-eċċezzjonijiet f'dak is-subparagrafu tapplika fir-rigward ta' dak il-kont.

ċ) Ħlief għall-Kontijiet Depożitarji deskritti fis-subparagrafu A(4) ta' din it-taqsima, kull Kont Individwali Pre-eżistenti li jkun ġie identifikat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti taħt din it-taqsima għandu jiġi ttrattat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti fis-snin kollha sussegwenti, sakemm id-Detentur tal-Kont ma jibqax jkun Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti.

E. **<u>Proċeduri Addizzjonali Applikabbli għall-Kontijiet b'Valur Għoli</u>**.

1. Kemm-il darba Kont Individwali Pre-eżistenti jkun Kont b'Valur Għoli fit-30 ta' Ġunju 2014, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tlesti l-proċeduri ta' reviżjoni mtejba deskritti fil-paragrafu D ta' din it-taqsima fir-rigward ta' dak il-kont sat-30 ta' Ġunju 2015. Kemm-il darba li bbażat fuq din ir-reviżjoni dak il-kont jiġi identifikat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti fi jew qabel il-31 ta' Diċembru 2014, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tirrapporta l-informazzjoni meħtieġa dwar dak il-kont fir-rigward tal-2014 fl-ewwel rapport dwar il-kont u fuq bażi annwali wara.

2. Kemm-il darba Kont Indivdwali Pre-eżistenti ma jkunx Kont b'Valur Għoli fit-30 ta' Ġunju 2014, iżda jsir Kont b'Valur Għoli sal-aħħar jum tal-2015 jew kull sena kalendarja sussegwenti, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tlesti l-proċeduri ta' reviżjoni mtejba deskritti fil-paragrafu D ta' din it-taqsima fir-rigward ta' dak il-kont fi żmien sitt xhur wara l-aħħar jum tas-sena kalendarja li fiha l-kont isir Kont b'Valur Għoli. Kemm-il darba li bbażat fuq din ir-reviżjoni dak il-kont jiġi identifikat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti, l-Istituzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tirrapporta l-informazzjoni meħtieġa dwar dak il-kont fir-rigward tas-sena li fiha jiġi identifikat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti u fis-snin sussegwenti fuq bażi annwali, sakemm id-Detentur tal-Kont ma jibqax jkun Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti.

3. Ladarba l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tapplika l-proċeduri ta' reviżjoni mtejba deskritti fil-paragrafu D ta' din it-taqsima għall-Kont b'Valur Għoli, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar ma tkunx meħtieġa ti terġa' tapplika dawk il-proċeduri, ħlief l-inkjesta tal-maniġer ta' relazzjoni deskritta fis-subparagrafu D(4) ta' din it-taqsima, lill-istess Kont b'Valur Għoli f'kull sena sussegwenti.

4. Kemm-il darba jkun hemm tibdil fiċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' Kont b'Valur Għoli li jirriżulta f'wieħed jew aktar mill-indizji tal-Istati Uniti

VERŻJONI ELETTRONIKA

deskritti fis-subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima li jkun assoċjat mal-kont, allura l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti sakemm ma tagħżilx li tapplika s-subparagrafu B(4) ta' din it-taqsima u waħda mill-eċċezzjonijiet f'dak is-subparagrafu tkun tapplika fir-rigward ta' dak il-kont.

5. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha timplimenta proċeduri sabiex tiżgura li l-maniġer ta' relazzjoni jidentifika kull tibdil ta' ċirkustanzi ta' kont. Per eżempju, kemm-il darba maniġer ta' relazzjoni jkun avżat li d-Detentur tal-Kont għandu indirizz postali ġdid fl-Istati Uniti, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tkun meħtieġa li tittratta l-indirizz il-ġdid bħala tibdil fiċ-ċirkustanzi u, kemm-il darba tagħżel li tapplika s-subparagrafu B(4) ta' din it-taqsima, tkun meħtieġa li tikseb d-dokumentazzjoni xierqa mid-Detentur tal-Kont.

F. **Kontijiet Individwali Pre-eżistenti li Jkunu Ġew Dokumentati Għall-Ċerti Għanijiet Oħra**. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar li qabel tkun kisbet dokumentazzjoni minn Detentur ta' Kont biex tistabillixxi l-istatus tad-Detentur tal-Kont la bħala ċittadin tal-Istati Uniti u la bħala residenti tal-Istati Uniti sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt intermedjarju kwalifikat, soċjetà barranija ta' *withholding*, jew ftehim ta' *trust* barrani ta' *withholding* mal-IRS, jew biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-kapitolu 61 tat-Titolu 26 tal-Kodiċi tal-Istati Uniti, ma tkunx meħtieġa li twettaq il-proċeduri deskritti fis-subparagrafu B(1) ta' din it-taqsima fir-rigward ta' Kontijiet b'Valur Baxx jew is-subparagrafi D(1) sa D(3) ta' din it-taqsima fir-rigward ta' Kontijiet b'Valur Għoli.

III. **Kontijiet Individwali Ġodda**. Ir-regoli u l-proċeduri li ġejjin japplikaw bil-għan li jiġu identifikati Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti fost Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn individwi u li ġew miftuħa fi jew wara l-1 ta' Lulju 2014 ("Kontijiet Individwali Ġodda").

A. **Kontijiet li Mhux Meħtieġa li Jiġu Riveduti, Identifikati, jew Irrapurtati**. Sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar ma tagħżilx xort'oħra fir-rigward tal-Kontijiet Individwali Ġodda kollha, jew separatament, fir-rigward ta' xi grupp ta' tali kontijiet identifikat b'mod ċar, meta r-regoli li jimplimentaw f'Malta jipprovdu għal tali għażla, il-Kontijiet Individwali Ġodda li ġejjin ma jkunux meħtieġa li jiġu rreveduti, identifikati, jew irrapurtati bħala Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti:

1. Kont Depożitarju sakemm il-bilanċ tal-kont ma jeċċedix $50,000 fl-aħħar ta' xi sena kalendarja jew perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar.

2. Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus sakemm il-Valur fi Flus ma jeċċedix $50,000 fl-aħħar ta' xi sena kalendarja jew perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar.

B. **Kontijiet Individwali Ġodda Oħra**. Fir-rigward ta' Kontijiet

Individwali Ġodda li mhux deskritti fil-paragrafu A ta' din it-taqsima, mal-ftuħ tal-kont (jew fi żmien 90 jum wara li tintemm is-sena kalendarja li fiha l-kont jieqaf li jiġi deskritt fil-paragrafu A ta' din it-taqsima), l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tikseb awto-ċertifikazzjoni li tista' tkun parti mid-dokumentazzjoni tal-ftuħ tal-kont, li tippermetti lill-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar li tistabbilixxi jekk id-Detentur tal-Kont ikunx residenti tal-Istati Uniti għall-għanijiet tat-taxxa (għal dan il-għan, ċittadin tal-Istati Uniti hu ikkunsidrat residenti tal-Istati Uniti għall-għanijiet tat-taxxa, ukoll jekk id-Detentur tal-Kont ikun ukoll residenti għall-għanijiet tat-taxxa ta' ġurisdizzjoni oħra) u tikkonferma r-raġonevolezza ta' tali awto-ċertifikazzjoni bbażata fuq l-informazzjoni miksuba mill-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar b'konnessjoni mal-ftuħ tal-kont, inkluża kull dokumentazzjoni miġbura skont il-Proċeduri ta' AML/KYC.

1. Kemm-il darba l-awto-ċertifikazzjoni tistabbilixxi li d-Detentur tal-Kont jkun residenti tal-Istati Uniti għall-għanijiet tat-taxxa, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti u tikseb awto-ċertifikazzjoni li tinkludi l-US TIN tad-Detentur tal-Kont (li tista' tkun il-formola tal-IRS W-9 jew xi formola oħra simili miftiehma).

2. Kemm-il darba jkun hemm tibdil fiċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' Kont Individwali Ġdid li jikkawża l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar li tkun taf jew ikollha raġuni li taf li l-awto-ċertifikazzjoni oriġinali hi żbaljata jew mhux ta' min joqgħod fuqha, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar ma tistax toqgħod fuq fuq l-awto-ċertifikazzjoni oriġinali u għandha tikseb awto-ċertifikazzjoni valida li tistabbilixxi jekk id-Detentur tal-Kont huwiex ċittadin jew residenti tal-Istati Uniti għall-għanijiet ta' taxxa tal-Istati Uniti. Kemm-il darba l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar ma tkunx tista' tikseb awto-ċertifikazzjoni valida, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti.

IV. **Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità**. Ir-regoli u l-proċeduri li ġejjin japplikaw għall-għanijiet li jiġu identifikati Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti u kontijiet miżmuma minn Istituzzjonijiet Finanzjarji Mhux Parteċipanti fost Kontijiet Pre-eżistenti miżmuma minn Entitajiet (Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità).

A. **Kontijiet ta' Entità li Mhux Meħtieġa li Jiġu Riveduti, Identifikati, jew Irrapurtati**. Sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar ma tagħżilx xort'oħra, fir-rigward tal-Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità kollha, jew separatament, fir-rigward ta' xi grupp ta' tali kontijiet identifikat b'mod ċar, meta r-regoli li jimplimentaw f'Malta jipprovdu għal tali għażla, Kont Pre-eżistenti ta' Entità b'bilanċ ta' kont jew b'valur li ma jeċċedix $250,000 fit-30 ta' Ġunju 2014, ma jkunx meħtieġ li jkun rivedut, identifikat, jew irrapurtat bħala Kont rapportabbli tal-Istati Uniti sa ma l-bilanċ tal-kont jew valur jeċċedi $1,000,000.

VERŻJONI ELETTRONIKA

B. **Kontijiet ta' Entità Soġġetti Għal Reviżjoni**. Kont Pre-eżistenti ta' Entità li għandu bilanċ ta' kont jew valur li jeċċedi $250,000 fit-30 ta' Ġunju 2014, u Kont Pre-eżistenti ta' Entità li ma jeċċedix $250,000 fit-30 ta' Ġunju 2014, iżda li l-bilanċ tal-kont jew il-valur tiegħu jeċċedi $1,000,00 fl-aħħar jum tal-2015 jew kull sena kalendarja sussegwenti, għandu jkun rivedut, skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu D ta' din it-taqsima.

Ċ. **Kontijiet ta' Entità li fir-Rigward Tagħhom Hu Meħtieġ Rappurtar**. Fir-rigward ta' Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità deskritti fil-paragrafu B ta' din it-taqsima, kontijiet biss li huma miżmuma minn waħda jew aktar Entitajiet li huma Persuni Speċifikati tal-Istati Uniti, jew minn NFFEs Passivi b'wieħed jew aktar Persuni li Jikkontrollaw li huma ċittadini jew residenti tal-Istati Uniti, għandhom ikunu ttrattati bħala Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti, Minbarra dan, kontijiet miżmuma minn Istituzzjonijiet Finanzjarji Mhux Parteċipanti għandhom ikunu ttrattati bħala kontijiet li dwarhom pagamenti aggregati kif deskritti fis-subparagrafu 1(b) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim jkunu rrapurtati lill-Kummissarju tat-Taxxi ta' Malta.

D. **Proċeduri ta' Reviżjoni Sabiex Jiġu Identifikati Kontijiet ta' Entità li fir-Rigward Tagħhom Hu Meħtieġ Rappurtar**. Dwar Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità deskritti fil-paragrafu B ta' din it-taqsima, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tapplika l-proċeduri ta' reviżjoni li ġejjin sabiex tistabbilixxi jekk il-kont hu miżmum minn wieħed jew aktar Persuni Speċifikati tal-Istati Uniti, minn NFFEs Passivi b'wieħed jew aktar Persuni li Jikkontrollaw li huma ċittadini jew residenti tal-Istati Uniti, jew minn Istituzzjonijiet Finanzjarji:

1. **Tistabbilixxi Jekk l-Entità Hijiex Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti**.

a) Informazzjoni dwar reviżjoni miżmuma għall-għanijiet regolatorji jew ta' relazzjoni mal-klijent (inkluża informazzjoni miġbura skont il-Proċeduri ta' AML/KYC) sabiex tistabillixxi jekk l-informazzjoni tindikax li d-Detentur tal-Kont huwiex Persuna tal-Istati Uniti. Għal dan il-għan, informazzjoni li tindika li d-Detentur tal-Kont hu Persuna tal-Istati Uniti tinkludi post ta' inkorporazzjoni jew organizzazzjoni fl-Istati Uniti, jew indirizz fl-Istati Uniti.

b) Kemm-il darba l-informazzjoni tindika li d-Detentur tal-Kont hu Persuna tal-Istati Uniti, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti sakemm ma tiksibx awto-ċertifkazzjoni mid-Detentur tal-Kont (li tista' tkun fuq Formola tal-IRS W-8 jew W-9, jew formola simili miftiehma), jew tistabbilixxi raġonevolment ibbażata fuq informazzjoni fil-pussess tagħha jew li tkun disponibbli għall-pubbliku, li d-Detentur tal-Kont mhux Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti.

B. **Tistabbilixxi Jekk Entità Mhux tal-Istati Uniti Hijiex**

Istituzzjoni Finanzjarja.

a) Informazzjoni ta' Reviżjoni miżmuma għall-għanijiet regolatorji jew ta' relazzjoni mal-klijent (inkluża informazzjoni miġbura skont il-Proċeduri ta' AML/KYC) sabiex tistabbilixxi jekk l-informazzjoni tindikax li d-detentur tal-Kont huwiex Istituzzjoni Finanzjarja.

b) Kemm-il darba l-informazzjoni tindika li d-Detentur tal-Kont hu Istituzzjoni Finanzjarja, jew l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tivverifika li n-Numru ta' Identifikazjoni ta' Intermedjarju Globali tad-Detentur tal-Kont fuq il-lista ppublikata IRS FFI, allura l-kont ma jkunx Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti.

3. **Tistabilixxi Jekk Istituzzjoni Finanzjarja Hijiex Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti li pagamenti li Jsiru Lilha Huma Soġġetti Għal Rappurtar Aggregat taħt is-Subparagrafu 1(b) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim**.

a) Bla ħsara għas-subparagrafu D(3)(b) ta' din it-taqsima, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tista' tistabbilixxi li d-Detentur tal-Kont hu Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba oħra kemm-il darba l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tistabbilixxi raġonevolment li d-Detentur tal-Kont għandu tali status fuq il-bażi tan-Numru ta' Identifikazjoni ta' Intermedjarju Globali tad-Detentur tal-Kont fuq il-lista ppublikata IRS FFI jew informazzjoni oħra li tkun disponibbli għall-pubbliku jew fil-pussess tal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar, skont ma japplika. F'dak il-każ, l-ebda revizjoni, identifikazzjoni, jew rappurtar ma jkun meħtieġ fir-rigward tal-kont.

b) Kemm-il darba d-Detentur tal-Kont jkun Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba oħra ttratata mill-IRS bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti, allura l-kont ma jkunx Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti, iżda pagamenti lid-Detentur tal-Kont għandhom jiġu rrapurtati kif kontemplat fis-subparagrafu 1(b) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim.

ċ) Kemm-il darba d-Detentur tal-Kont ma jkunx Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba oħra, allura l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tittratta d-Detentur tal-Kont bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti li pagamenti li jsiru lilha huma rapportabbli taħt is-subparagrafu 1(b) tal-Artikolu 4 sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta Rappurtar:

(1) Ma tiksibx awto-ċertifkazzjoni (li tista' tkun fuq il-

Formola W-8 jew formola simili miftiehma) mid-Detentur tal-Kont li jkun FFI iċċertifikat li hu meqjus konformi, jew sid benefiċjarju eżenti, skont kif dawk it-termini huma mfissra fir-regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti; jew

(2) Fil-każ ta' FFI parteċipanti jew FFI irreġistrat li hu meqjus konformi, ma jivverifikax in-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Intermedjarju Globali tad-Detentur tal-Kont fuq il-lista ippubblikata IRS FFI.

4. **Tistabillixxi Jekk Kont Miżmum minn NFEE Huwiex Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti**. Fir-rigward ta' Detentur ta' Kont ta Kont Pre-eżistenti ta' Entità li ma tkunx identifikata bħala Persuna tal-Istati Uniti jew bħala Istituzzjoni Finanzjarja, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tidentifika (i) jekk id-Detentur tal-Kont għandux Persuni li Jikkontrollaw, (ii) jekk id-Detentur tal-Kont huwiex NFFE Passiv, u (iii) jekk xi ħadd mill-Persuni li Jikkontrollaw tad-Detentur tal-Kont huwiex ċittadin jew residenti tal-Istati Uniti. Sabiex tistabbilixxi dan l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha issegwi l-gwida fis-subparagrafi D(4)(a) sa D(4)(d) ta' din it-taqsima fl-ordni l-aktar xierqa fiċ-ċirkustanzi.

a) Bil-għan li tistabbilixxi l-Persuni li Jikkontrollaw ta' Detentur ta' Kont, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tista' toqgħod fuq l-informazzjoni miġbura u miżmuma skont il-Proċeduri ta' AML/KYC.

b) Bil-għan li tistabbilixxi jekk Detentur ta' Kont huwiex NFFE Passiv, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tikseb awto-ċertifikazzjoni (li tista' tkun fuq il-Formola tal-IRS W-8 jew W-9, jew fuq formola simili miftiehma) mid-Detentur tal-Kont sabiex tistabbilixxi l-istatus tiegħu, sakemm m'għandhiex informazzjoni fil-pussess tagħha jew li hi disponibbli għall-pubbliku, li jekk tibbaża fuqha tista' tistabbilixxi raġonevolment li d-Detentur tal-Kont huwa NFFE Attiv.

ċ) Bil-għan li tistabbilixxi jekk Persuna li Jikkontrolla ta' NFFE Passiv huwiex ċittadin jew residenti għall-għanijiet tat-taxxa tal-Istati Uniti, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tista' toqgħod fuq:

(1) Informazzjoni miġbura u miżmuma skont il-Proċeduri ta' AML/KYC fil-każ ta' Kont Pre-eżistenti ta' Entità miżmum minn NFFE waħda jew aktar b'bilanċ ta' kont jew valur li ma jeċċedix $1,000,000; jew

(2) Awto-ċertifikazzjoni (li tista' tkun fuq il-Formola tal-IRS W-8 jew W-9, jew fuq formola simili miftiehma) mid-

Detentur tal-Kont jew tali Persuna li Jikkontrolla fil-każ ta' Kont Pre-Eżistenti ta' Entità miżmum minn NFEE waħda jew aktar b'bilanċ ta' kont jew valur li jeċċedi $1,000,000.

d) Kemm-il darba xi Persuna li Jikkontrolla ta' NFFE Passiv jkun ċittadin jew residenti tal-Istati Uniti, il-kont għandu jkun ittrattat bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti.

E. **Żmien ta' Reviżjoni u Proċeduri Addizzjonali Applikabbli Għall-Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità**.

1. Reviżjoni ta' Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità b'bilanċ jew valur li jeċċedi $250,000 fit-30 ta' Ġunju 2014, għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2016.

2. Reviżjoni ta' Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità b'bilanċ jew valur ta' kont li ma jeċċedix $250,000 fit-30 ta' Ġunju 2014, iżda jeċċedi $1,000,00 fil-31 ta' Diċembru 2015 jew kull sena sussegwenti, għandu jitlesta fi żmien sitt xhur wara l-aħħar jum tas-sena kalendarja li fiha l-bilanċ jew il-valur tal-kont jeċċedi $1,000,000.

3. Kemm-il darba jkun hemm tibdil fiċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' Kont Pre-eżistenti ta' Entità li jikkawża l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar li issir taf, jew ikollha raġun li tkun taf, li l-awto-ċertifikazzjoni jew dokumentazzjoni oħra assoċjata ma' kont hi żbaljata jew mhux ta' min joqgħod fuqha, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha terġa' tistabillixxi l-istatus tal-kont skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu D ta' din it-taqsima.

V. **Kontijiet Ġodda ta' Entità**. Ir-regoli u proċeduri li ġejjin japplikaw għall-għan ta' identifikazzjoni ta' Kontijiet rapportabbli tal-Istati Uniti u kontijiet miżmuma minn Istituzzjonijiet Finanzjarji Mhux Parteċipanti fost Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn Entitajiet u miftuħa fi jew wara l-1 ta' Lulju 2014 ("Kontijiet Ġodda ta' Entità").

A. **Kontijiet ta' Entità Mhux Meħtieġa li Jiġu Riveduti, Identifikati jew Irrappurtati**. Sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar ma tagħżilx xort'oħra, jew fir-rigward il-Kontijiet Ġodda ta' Entità kollha jew, separatament, fir-rigward ta' grupp ta' tali kontijiet identifikat b'mod ċar, meta r-regoli li jimplimentaw f'Malta jipprovdu għal tali għażla, kont ta' karta ta' kreditu jew faċilità ta' kreditu li jdur li jkun ittrattat bħala Kont Ġdid ta' Entità ma jkunx meħtieġ li jiġi rivedut, identifikat, jew irrapurtat, sakemm li l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar li tkun qed iżżomm dak il-kont timplimenta politika u proċeduri li jipprevjenu li l-bilanc tal-kont dovut lid-Detentur tal-Kont jeċċedi $50,000.

B. **Kontijiet Ġodda ta' Entità Oħra**. Fir-rigward ta' Kontijiet

Ġodda ta' Entità mhux deskritti fil-paragrafu A ta' din it-taqsima, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tistabbilixxi jekk id-Detentur tal-Kont hu: (i) Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti; (ii) Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba; (iii) FFI Parteċipanti, FFI meqjusa konformi, jew sid benefiċjarju eżenti, kif dawk it-termini huma mfissra fir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti; jew (iv) NFFE Attiva jew NFFE Passiva.

1. Bla ħsara għas-subparagrafu B(2) ta' din it-taqsima, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tista' tistabbilixxi li d-Detentur tal-Kont hu NFFE Attiv, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta, jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba kemm-il darba l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tistabbilixxi raġonevolment li d-Detentur tal-Kont għandu tali status fuq il-bażi tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Intermedjarju Globali tad-Detentur tal-Kont jew ta' informazzjoni oħra li tkun disponibbli għall-pubbliku jew fil-pussess tal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar, skont kif japplika.

2. Kemm-il darba d-Detentur tal-Kont jkun Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba oħra ttrattata mill-IRS bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti, allura l-kont ma jkunx Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti, iżda pagamenti lid-Detentur tal-Kont għandhom ikunu rrapurtati kif kontemplat fis-subparagrafu 1(b) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim.

3. Fil-każijiet l-oħra kollha, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tikseb awto-ċertifikazzjoni mid-Detentur tal-Kont biex tistabillixxi l-istatus tad-Detentur tal-Kont. Fuq il-bażi tal-awto-ċertifikazzjoni, ir-regoli li ġejjin japplikaw:

a) Kemm-il darba d-Detentur tal-Kont jkun Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti.

b) Kemm-il darba d-Detentur tal-Kont jkun NFFE Passiv, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tidentifika l-Persuni li Jikkontrollaw kif stabbilit taħt il-Proċeduri ta' AML/KYC, u għandha tistabbilixxi jekk xi tali persuna hu ċittadin jew residenti tal-Istati Uniti fuq il-bażi ta' awto-ċertifkazzjoni mid-Detentur tal-Kont jew tali persuna. Kemm-il darba xi tali persuna jkun ċittadin jew residenti tal-Istati Uniti, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti.

ċ) Kemm-il darba d-Detentur tal-Kont jkun: (i) Persuna tal-Istati Uniti li mhux Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti; (ii) bla ħsara għas-subparagrafu B(3) (d) ta' din it-taqsima, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba; (iii) FFI Parteċipanti, FFI meqjusa konformi, jew sid benefiċjarju eżenti, kif dawk it-termini huma mfissra fir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti; (iv) NFFE Attiva; jew (v) NFFE Passiva li l-ebda wieħed mill-Persuni li Jikkontollaw tagħha ma hu ċittadin jew residenti tal-Istati Uniti, allura l-kont ma jkunx Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti, u l-ebda rappurtar ma hu meħtieġ fir-rigward tal-kont.

d) Kemm-il darba d-Detentur tal-Kont ikun Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti (inkluż Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Sieħba oħra ttrattata mill-IRS bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti), allura l-kont ma jkunx Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti, iżda pagamenti lid-Detentur tal-Kont għandhom jiġu rrapurtati kif kontemplat fis-subparagrafu 1(b) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim.

VI. **Regoli Speċjali u Tifsiriet**. Ir-regoli addizzjonali u tifsiriet li ġejjin japplikaw sabiex jiġu implimentati l-proċeduri ta' diliġenza xierqa deskritti hawn fuq:

A. **Dipendenza Fuq Awto-Ċertifikazzjoni u Evidenza Dokumentarja**. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tista' toqgħod fuq awto-ċertifikazzjoni jew evidenza dokumentarja kemm-il darba l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar taf jew għandha raġuni li taf li l-awto-ċertifikazzjoni jew l-evidenza dokumentarja hi żbaljata jew mhux ta' min joqgħod fuqha.

B. **Tifsiriet**. It-tifsiriet li ġejjin japplikaw għall-għanijiet tal-Anness I.

1. **Proċeduri ta' AML/KYC**. "Proċeduri ta' AML/KYC" tfisser il-proċeduri ta' diliġenza xierqa ta' klijent ta' Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar skont ir-rekwiżiti ta' Malta kontra l-ħasil ta' flus jew oħrajn simili li hi soġġetta għalihom l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta.

2. **NFEE**. "NFEE" tfisser kull Entità Mhux tal-Istati Uniti li ma tkunx FFI kif mfissra fir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti jew tkun Entità deskritta fis-subparagrafu B(4)(j) ta' din it-taqsima, u tinkludi wkoll kull Entità Mhux tal-Istati Uniti li tkun stabbilita f'Malta jew Ġurisdizzjoni Sieħba oħra u li ma tkunx Istituzzjoni Finanzjarja.

3. **NFFE Passiva**. "NFEE Passiva" tfisser kull NFFE li ma tkunx (i) NFFE Attiva jew (ii) soċjetà barranija ta' *withholding* jew *trust* barrani ta' *withholding* skont ir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti.

4. **NFFE Attiva**. "NFFE Attiva" tfisser kull NFFE li tissodisfa xi waħda mill-kriterji li ġejjin:

a) Inqas minn 50 fil-mija tal-*income* gross tal-NFFE għas-sena kalendarja ta' qabel jew perjodu xieraq ta' rappurtar ieħor jkun *income* passiv u inqas minn 50 fil-mija tal-assi miżmuma mill-NFFE matul is-sena kalendarja ta' qabel jew perjodu xieraq ta' rappurtar ieħor jkunu assi li jippoduċu jew li jkunu miżmuma għall-produzzjoni ta' *income* passiv;

b) L-ishma tal-NFFE ikunu negozjati regolarment fuq suq tat-titoli stabbilit jew l-NFFE tkun Entità Relatata ta' Entità li l-ishma tagħha jkunu negozjati regolarment fuq suq tat-titoli stabbilit;

ċ) L-NFFE tkun organizzata f'Territorju tal-Istati Uniti u s-sidien kollha tal-*payee* ikunu residenti *bona fide* ta' dak it-Territorju tal-Istati Uniti;

d) L-NFFE tkun gvern (ħlief għall-gvern tal-Istati Uniti), sottodiviżjoni politika ta' dak il-gvern (li, biex jiġi evitat dubju, tinkludi stat, provinċja, kontea, jew muniċipalità), jew korp pubbliku li jwettaq funzjoni ta' dak il-gvern jew sottodiviżjoni tiegħu, gvern ta' Territorju tal-Istati Uniti, organizzazzjoni internazzjonali, Bank Ċentrali ta' ħruġ, jew Entità li tkun għalkollox proprjetà ta' wieħed jew aktar ta' dawn ta' qabel;

e) Sostanzjalment l-attivitajiet kollha tal-NFEE jikkonsistu fiż-żamma (ta' kollox jew ta' parti) tal-*outstanding stock* ta', jew li jipprovdu finanzjament jew servizzi lil, waħda jew aktar tas-sussidjarji li jagħmlu kummerċ jew negozju barra minn negozju ta' Istituzzjoni Finanzjarja, ħlief li NFFE m'għandhiex tikkwalifika għal dan l-istatus kemm-il darba l-NFFE tiffunzjona (jew tirrapreżenta lilha nnifisha) bħala fond ta' investiment, bħal fond privat ta' ekwità, fond ta' *venture capital*, fond *leveraged buyout*, jew kull mezz ta' investiment li l-għan tiegħu hu li jakkwista jew jiffinanzja kumpanniji u imbagħad iżomm interessi f'dawk il-kumpanniji bħal assi kapitali għall-għanijiet ta' investiment;

f) L-NFFE tkun għadha ma tmexxix negozju u ma

għandha l-ebda storja ta' tmexxija, iżda tkun qed tinvesti kapital f'assi bl-intenzjoni li tmexxi negozju ħlief dak ta' Istituzzjoni Finanzjarja iżda l-NFFE ma għandhiex tikkwalifika għal din l-eċċeżżjoni wara d-data li tiġi 24 xahar wara d-data tal-organizzazzjoni inizjali tal-NFFE;

g) L-NFFE ma kienitx Istituzzjoni Finanzjarja fl-aħħar ħames snin, u tkun fil-proċess li tillikwida l-assi tagħha jew tkun qed tirriorganizza bl-intenzjoni li tkompli jew li terġa' tibda tmexxi negozju ħlief dak ta' Istituzzjoni Finanzjarja;

h) L-NFFE primarjament timpenja ruħha fi transazzjonijiet ta' finanzjament u *hedging* ma', jew għal, Entitajiet Relatati li ma jkunux Istituzzjonijiet Finanzjarji, u ma tipprovdix servizzi ta' finanzjament jew *hedging* lil xi entità li ma tkunx Entità Relatata, sakemm il-grupp ta' tali Entitajiet Relatati ikun primarjament impenjat f'negozju ħlief dak ta Istituzzjoni Finanzjarja;

i) L-NFFE tkun "*excepted* NFFE" kif deskritta fir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti; jew

j) L-NFFE tkun tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

i. Tkun stabbilita u mmexxija esklussivament fil-ġurisdizzjoni tagħha ta' residenza għall-għanijiet reliġjużi, xjentifiċi, artistiċi, kulturali, atletiċi jew edukattivi; jew tkun stabbilita u mmexxija fil-ġurisdizzjoni tagħha ta' residenza u tkun organizzazzjoni professjonali, assoċjazzjoni ta' negozju, kamra tal-kummerċ, organizzazzjoni ta' ħaddiema, organizzazzjoni agrikulturali jew ortikulturali, assoċjazzjoni ċivika jew organizzazzjoni mmexxija esklussivament għall-promozzjoni ta' benesseri soċjali;

ii. Tkun eżenti mit-taxxa fuq l-*income* fil-ġurisdizzjoni tagħha ta' residenza;

iii. Ma jkollhiex detenturi ta' ishma jew membri li jkollhom interess proprjetarju jew benefiċjarju fl-*income* jew fl-assi tagħha;

iv. Il-liġijiet applikabbli tal-ġurisdizjoni ta' residenza tal-NFFE jew id-dokumenti ta' formazzjoni tal-NFFE ma jippermettux xi *income* jew assi tal-NFFE li jiġu mqassma lil, jew applikati għal benefiċċju ta', persuna privata jew Entità mhux ta' karità ħlief għal dak li jsir

VERŻJONI ELETTRONIKA

milll-attivitajiet karitatevoli tal-NFEE, jew bħala pagament ta' kumpens raġonevoli għal servizzi mogħtija, jew bħala pagament li jirrapreżenta l-valur tas-suq ġust tal-proprjetà li l-NFFE tkun xtrat; u

v. Il-liġijiet applikabbli tal-ġurisdizjoni ta' residenza tal-NFFE jew id-dokumenti ta' formazzjoni tal-NFFE jeħtieġu li, filwaqt tal-likwidazzjoni jew xoljiment tal-NFFE, l-assi kollha tagħha jiġu mqassma lill-entità governattiva jew organizzazzjoni oħra li ma tkunx għal profitt, jew li jgħaddu għand il-gvern tal-ġurisdizzjoni ta' residenza tal-NFFE jew xi sottodiviżjoni politika tiegħu.

5. **Kont Pre-eżistenti**. "Kont Pre-eżistenti" tfisser Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja ta' Rappurtar fit-30 ta' Ġunju 2014.

Ċ. **Aggregazzjoni ta' Bilanċ ta' Kont u Regoli Għall-Qlib ta' Munita**.

1. **Aggregazzjoni ta' Kontijiet Individwali**. Għall-għanijiet biex tistabillixxi l-bilanċ jew valur aggregat ta' Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn individwu, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar hi meħtieġa li tiġbor flimkien il-Kontijiet Finanzjarji kollha miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar, jew minn Entità Relatata, iżda biss sakemm li s-sistemi ta' komputerizzazzjoni tal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar jorbtu l-Kontijiet Finanzjarji b'riferenza għall-element ta' *data* bħal numru ta' klijent jew numru ta' identifikazzjoni ta' kontribwent, u jippermettu li l-bilanċi jew valuri tal-kontijiet jiġu aggregati. Kull detentur ta' Kont Finanzjarju miżmum bi sħab għandu jkun attribwit bil-bilanċ jew valur sħiħ tal-Kont Finanzjarju miżmum bi sħab għall-għanijiet biex jiġu applikati r-rekwiżiti ta aggregazzjoni deskritt fil-paragrafu 1.

2. **Aggregazzjonit ta' Kontijiet ta' Entità**. Għall-għanijiet biex tistabillixxi l-bilanċ jew valur aggregat ta' Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn Entità, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar hi meħtieġa li tqis il-Kontijiet Finanzjarji kollha li jkunu miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar, jew minn Entità Relatata, iżda biss sakemm li s-sistemi ta' komputerizzazzjoni tal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar jorbtu l-Kontijiet Finanzjarji b'riferenza għall-element ta' *data* bħal numru ta' klijent jew numru ta' identifikazzjoni ta' kontribwent, u jippermettu li l-bilanċi jew valuri tal-kontijiet jiġu aggregati.

3. **Regola Speċjali ta' Aggregazzjoni Applikabbli għall-**

Maniġers ta' Relazzjoni. Għall-għanijiet biex tistabilixxi l-bilanċ jew valur aggregat ta' Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn persuna biex tistabilixxi jekk Kont Finanzjarju huwiex Kont b'Valur Għoli, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta hi meħtieġa wkoll, fil-każ ta' xi Kontijiet Finanzjarji li maniġer ta' relazzjoni jaf, jew li għandu raġuni li jaf, li jkunu direttament jew indirettament, proprjetà ta', ikkontrollati, jew stabbiliti (ħlief milli f'kapaċità fiduċjarja) mill-istess persuna, li taggrega tali kontijiet.

4. **Regola Għall-Qlib ta' Munita**. Għall-għanijiet biex tistabbilixxi l-bilanċ jew il-valur ta' Kontijiet Finanzjarji denominati f'munita ħlief id-dollaru tal-Istati Uniti, Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha taqleb il-limiti tal-ammonti fid-dollaru tal-Istati Uniti deskritti fl-Anness I f'dik il-munita billi tintuża *spot rate* stabbilita fl-aħħar jum tas-sena kalendarja li tiġi qabel is-sena li fiha l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tkun tistabillixxi l-bilanċ jew il-valur.

D. **Evidenza Dokumentarja**. Għall-għanijiet ta' dan l-Anness I, evidenza dokumentarja aċċetabbli tinkludi xi wieħed minn dawn li ġejjin:

1. Ċertifikat ta' residenza maħruġ minn korp governattiv awtorizzat (per eżempju, gvern jew aġenzija tiegħu, jew muniċipalità) tal-ġurisdizzjoni li fiha min jitħallas jgħid li hu residenti.

2. Fir-rigward ta' individwu, kull identifikazzjoni valida maħruġa minn korp governattiv awtorizzat (per eżempju, gvern jew aġenzija tiegħu, jew muniċipalità), li tinkludi l-isem tal-individwu u li tkun użata tipikament għall-għanijiet ta' identifikazzjoni.

3. Fir-rigward ta' Entità, kull dokumentazzjoni uffiċjali maħruġa minn korp governattiv awtorizzat (per eżempju, gvern jew aġenzija tiegħu, jew muniċipalità) li tinkludi l-isem tal-Entità u jew l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali fil-ġurisdizzjoni (jew Terrritorju tal-Istati Uniti) li fiha tgħid li tkun residenti jew il-ġurisdizzjoni (jew Territorju tal-Istati Uniti) li fiha l-Entità kienet inkorporata jew organizzata.

4. Fir-rigward ta' Kont Finanzjarju miżmum f'ġurisdizzjoni li għandha regoli kontra l-ħasil ta' flus li kienu approvati mill-IRS b'konnessjoni ma' ftehim ta' QI (kif deskritt fir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti), xi wieħed mid-dokumenti, ħlief il-Formola W-8 jew W-9, li riferenza għalihom tinsab fl-attachment tal-ġurisdizzjoni għall-ftehim ta' QI sabiex jiġu identifikati individwi jew entitajiet.

5. Kull dikjarazzjoni finanzjarja, rapport dwar kreditu ta' parti terza, rikors dwar falliment, jew rapport tal-*U.S. Securities and Exchange Commission*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

E. **Proċeduri Alternattivi Għall-Kontijiet Finanzjarji Miżmuma minn Individwi Benefiċjarji ta Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus**. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tista' tippreżumi li individwu benefiċjarju (ħlief is-sid) ta' Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus li jirċievi benefiċċju tal-mewt ma jkunx Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti u tista' tittratta dak il-Kont Finanzjarju xort'oħra minn Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar ma għandhiex għarfien attwali, jew raġuni li taf, li l-benefiċjarju hu Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar ikollha raġuni li taf li benefiċjarju ta' Kuntratt ta' Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jkun Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti kemm-il darba l-informazzjoni miġbura mill-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar u li tkun assoċjata mal-benfiċjarju jkun fiha indizji kif deskritt fis-subparagrafu (B)(1) tat-taqsima II ta' dan l-Anness. Kemm-il darba Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha tagħrif attwali, jew raġuni li taf, li l-benefiċjarju jkun Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar għandha ssegwi l-proċeduri fis-subparagrafu (B)(3) tat-taqsima II ta' dan l-Anness I.

F. **Dipendenza fuq Partijiet Terzi**. Irrespettivament jekk għażla saritx taħt il-paragrafu Ċ tat-taqsima I ta' dan l-Anness, Malta tista' tippermettti l-Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Rappurtar li joqgħodu fuq il-proċeduri ta' diliġenża xierqa mwettqa minn partijiet terzi, sakemm dan hu provdut mir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti.

ANNESS II

L-Entitajiet li ġejjin huma ttrattati bħala sidien benefiċjarji eżenti jew FFIs meqjusa konformi, skont kif ikun il-każ, u l-kontijiet li ġejjin huma esklużi mit-tifsira ta' Kontijiet Finanzjarji.

Dan l-Anness II jista' jiġi mibdul permezz ta' ftehim reċiproku magħmul bejn l-Awtoritajiet Kompetenti ta' Malta u l-Istati Uniti: (1) biex jinkludi Entitajiet addizzjonali u kontijiet li jippreżentaw riskju baxx li jkunu użati minn Persuni tal-Istati Uniti biex jevadu t-taxxa tal-Istati Uniti u li għandhom karetteristiċi simili għall-Entitajiet u kontijiet deskritti f'dan l-Anness II filwaqt tad-data tal-iffirmar tal-Ftehim; jew (2) biex jitneħħew Entitajiet u kontijiet li, minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi, ma jippreżentawx aktar riskju baxx li jkunu użati minn Persuni tal-Istati Uniti biex jevadu t-taxxa tal-Istati Uniti. Kull tali żieda jew tneħħija għandha tkun effettiva fid-data tal-iffirmar tal-ftehim reċiproku, sakemm ma jkunx provdut xort'oħra fih. Il-proċeduri sabiex jintlaħaq dak il-ftehim reċiproku jistgħu jiġu inklużi fil-ftehim reċiproku deskritt fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 3 tal-Ftehim.

1. **Sidien Benefiċjarji Eżenti Ħlief Għall-Fondi**. L-Entitajiet li ġejjin huma ttrattati bħala Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Rappurtar u bħala sidien benefiċjarji eżenti għall-għanijiet tat-taqsimiet 1471 u 1472 tal-*U.S. Internal Revenue Code*, ħlief għar-rigward ta' pagament li jinkiseb minn obbligu miżmum b'konnessjoni ma' attività finanzjarja kummerċjali tat-tip li ssir minn Kumpannija ta' Assigurazzjoni Speċifikata, Istituzzjoni ta' Kustodja, jew Istituzzjoni Depożitarja.

A. **Entità Governattiva**. Il-gvern ta' Malta, kull sottodiviżjoni politika ta' Malta (li, biex jiġi evitat xi dubju, tinkludi stat, provinċja, kontea, jew municipalità), jew kull aġenżija li tkun għalkollox proprjetà ta' jew strumentalità ta' Malta jew xi waħda jew aktar minn dawk msemmija qabel (kull waħda, "Entità Governattiva ta' Malta"). Din il-kategorija hija magħmula mill-partijiet integri, entitajiet kontrollati, u sottodivizjonijiet politiċi ta' Malta.

1. Parti integrali ta' Malta tfisser kull persuna, organizzazzjoni, agenzija, *bureau*, fond, strumentalità, jew korp ieħor, irrispettivament min kif imsemmi, li jikkostitwixxi awtorità governattiva ta' Malta. Il-qligħ nett tal-awtorità governattiva għandu jiġi kkreditat lil kont tagħha stess jew lill-kontijiet ta' Malta, u bl-ebda parti m'għandha tmur għal benefiċċju ta' xi persuna privata. Parti integrali ma tinkludix xi individwu li jkun sovran, uffiċjal, jew amministratur li jkun jaġixxi f'kapaċità privata jew personali.

2. Entità kontrollata tfisser Entità li fil-forma hi separata minn Malta jew xort'oħra tikkostitwixxi entità ġudizzjarja separata sakemm li:

a) L-Entità tkun għalkollox ta' jew ikkontrollata minn waħda jew aktar Entitajiet Governattivi ta' Malta direttament jew permezz ta' waħda jew aktar Entitajiet Kontrollati;

b) Il-qligħ nett tal-Entità jiġi kkreditat lill-kont tagħha stess jew lill-kontijiet ta' waħda jew aktar Entitajiet Governattivi ta' Malta, bl-ebda parti tal-*income* tagħha ma jmur għal benefiċċju ta' xi persuna privata; u

ċ) L-assi tal-Entità jiġu fil-pussess ta' waħda jew aktar Entitajiet Governativi ta' Malta max-xoljiment.

3. *Income* ma jmurx għall-benefiċċju ta' persuni privati kemm-il darba dawk il-persuni jkunu l-benefiċjarji intiżi ta' programm governattiv, u l-attivitajiet tal-programm jiġu mwettqa għall-pubbliku ġenerali rigward il-benesseri komuni jew ikollhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni ta' xi fażi ta' gvern. Minkejja dak li ntqal qabel, madankollu, *income* ikun ikkunsidrat li jmur għall-benefiċċju ta' persuni privati kemm-il darba l-*income* jinkiseb mill-użu ta' entità governattiva biex jitmexxa negozju kummerċjali, bħal negozju bankarju kummerċjali, li jipprovdi servizzi finanzjarji lill-persuni privati.

B. **Organizzazzjoni Internazzjonali**. Kull organizzazzjoni internazzjonali jew kull aġenzija jew strumentalità li tkun għalkollox proprjetà tagħha. Din il-kategorija tinkludi kull organizzazzjoni intergovernattiva (inkluża organizzazzjoni supranazzjonali) (1) li hi magħmula primarjament minn gvernijiet mhux tal-Istati Uniti; (2) li għandha fis-seħħ ftehim ta' kwartieri ġenerali ma' Malta; u (3) li l-*income* tagħha ma jmurx għall-benefiċċju ta' persuni privati.

Ċ. **Bank Ċentrali**. Istituzzjoni li hi bil-liġi jew sanzjoni ta' gvern l-awtorità prinċipali, ħlief għall-gvern ta' Malta nnifsu, li toħroġ strumenti intiżi biex jiġu ċirkulati bħala munita. Tali istituzzjoni tista' tinkludi strumentalità li tkun separata mill-gvern ta' Malta, sew jekk tkun għalkollox jew f'parti proprjetà ta' Malta.

II. **Fondi li Jikkwalifikaw bħala Sidien Benefiċjarji Eżenti**. L-Entitajiet li ġejjin ikunu ttrattati bħala Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Non-Rappurtar u bħala sidien benefiċjarji eżenti għall-għanijiet tat-taqsimiet 1471 u 1472 tal-*U.S. Internal Revenue Code*.

A. **Fond ta' Irtirar li Jikkwalifika taħt Trattat**. Fond stabbilit f'Malta, sakemm li l-fond jkun intitolat għall-benefiċċji taħt trattat dwar it-taxxa fuq l-*income* bejn Malta u l-Istati Uniti fuq l-*income* li jikseb minn għejjun fl-Istati Uniti (jew li kien ikun intitolat għal tali benefiċċji li kieku kiseb dak l-*income*) bħala residenti ta' Malta li jissodisfa kull limitazzjoni applikabbli bħala rekwiżit għall-benefiċċji, u li jkun imħaddem

prinċipalment biex jamministra jew jipprovdi benefiċċji ta' pensjoni jew irtirar.

B. **Fond ta' Irtirar b'Partiċipazzjoni Wiesgħa**. Fond stabbilit f'Malta biex jipprovdi benefiċċji ta' irtirar, diżabilità, jew mewt, jew xi kombinazzjoni tagħhom, lill-benefiċjarji li huma impjegati attwali jew ta' qabel (jew persuni nominati minn dawk l-impjegati) ta' wieħed jew aktar *employers* bħala korrispettiv għall-servizzi mogħtija, sakemm il-fond:

1. Ma jkollux benefiċjarju wieħed li jkollu dritt għal aktar minn ħamsa fil-mija tal-assi tal-fond;

2. Ikun soġġett għar-regolamentazzjoni tal-gvern u jipprovdi rappurtar ta' informazzjoni kull sena dwar il-benefiċjarji tiegħu lill-awtoritajiet tat-taxxa ta' Malta rilevanti; u

3. Jissodisfa tal-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

a) Il-fond ikun ġeneralment eżenti mit-taxxa f'Malta fuq l-*income* minn investiment taħt il-liġijiet ta' Malta minħabba fl-istatus tiegħu bħala pjan ta' irtirar jew pensjoni;

b) Il-fond jirċievi mill-inqas 50 fil-mija tal-kontribuzzjonijiet totali (ħlief mit-trasferimenti ta' assi minn pjanijiet oħra deskritti fil-paragrafi A sa D ta' din it-taqsima jew minn kontijiet ta' irtirar u pensjoni deskritti fis-subparagrafu A(1) ta' dan l-Anness II) mingħand *sponsoring employers*.

ċ) Tqassim jew ġbid mill-fond huma permessi biss meta jiġru avvenimenti speċifiċi relatati ma' irtirar, diżabilità, jew mewt (ħlief għal tqassim *rollover* lill-fondi oħra ta' irtirar deskritti fil-paragrafi A sa D ta' din it-taqsima jew kontijiet ta' irtirar jew pensjoni deskritti fis-subparagrafu A(1) tat-taqsima V ta' dan l-Anness II), jew penali tapplika fuq tqassim jew ġbid li jsir qabel dawk l-avvenimenti speċifiċi; jew

d) Kontribuzzjonijiet (ħlief għal ċerti kontrbuzzjonijiet permessi biex jagħmlu tajjeb) minn impjegati lill-fond jkunu limitati b'riferenza għall-*income* li jinqala' mill-impjegat jew ma jkunux jistgħu jeċċedu $50,000 fis-sena, billi jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Anness I għall-aggregazzjoni tal-kont u qlib ta' munita.

Ċ. **Fond ta' Irtirar b'Parteċipazzjoni Ristretta**. Fond stabbilit f'Malta biex jipprovdi benefiċċji ta' irtirar, diżabilità, jew mewt lill-benefiċjarji li huma impjegati attwali jew ta' qabel (jew persuni nominati minn dawk l-impjegati) ta' wieħed jew aktar *employers* bħala korrispettiv

VERŻJONI ELETTRONIKA

għall-servizzi mogħtija, sakemm li:

1. Il-fond jkollu inqas minn 50 parteċipant;

2. Il-fond ikun sponsorjat minn wieħed jew aktar *employers* li ma jkunux Entitajiet ta' Investiment jew NFFE's Passivi;

3. Il-kontribuzzjonijiet tal-impjegat u tal-*employer* lill-fond (ħlief għat-trasferimenti ta' assi minn fondi ta' irtirar li jikkwalifikaw taħt trattat deskritti fil-paragrafu A ta' din it-taqsima jew kontijiet ta' irtirar jew pensjoni deskritti fis-subparagrafu A(1) tat-taqsima V ta' dan l-Anness II) jkunu limitati b'riferenza għall-*income* li jinqala' u kumpens tal-impjegat, rispettivament;

4. Parteċipanti li ma jkunux residenti ta' Malta ma jkunux intitolati għal aktar minn 20 fil-mija tal-assi tal-fond; u

5. Il-fond ikun soġġett għall-regolamentazzjoni tal-gvern u jipprovdi rappurtar ta' informazzjoni kull sena dwar il-benefiċjarji tiegħu lill-awtoritajiet tat-taxxa ta' Malta rilevanti.

D. **Fond ta' Pensjoni ta' Sid Benefiċjarju Eżenti**. Fond stabbilit f'Malta minn sid benefiċjarju eżenti biex jipprovdi benefiċċji ta' irtirar, diżabilità, jew mewt lill-benefiċjarji jew parteċipanti li jkunu impjegati attwali jew ta' qabel tas-sid benefiċjarju eżenti (jew persuni nominati minn dawk l-impjegati), jew li mhumiex impjegati attwali jew ta' qabel, kemm-il darba l-benefiċċji pprovduti lil dawk il-benfiċjarji jew parteċipanti jkunu bħala korrispettiv għal servizzi personali mtwettqa għas-sid benefiċjarju eżenti.

E. **Entità ta' Investiment li tkun Għalkollox Proprjetà ta' Sidien Benefiċjarji Eżenti**. Entità li tkun Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta unikament għaliex tkun Entità ta' Investiment, sakemm li kull detentur dirett ta' Interess ta' Ekwità fl-Entità ikun sid benefiċjarju eżenti, u kull detentur dirett ta' interess ta' dejn f'tali Entità jew ikun Istituzzjoni Finanzjarja (fir-rigward ta' self mogħti lil dik l-Entità) jew sid benefiċjarju eżenti.

III. **Istituzzjonijiet Finanzjarji Żgħar jew bi Skop Limitat li Jikkwalifikaw bħala FFIs Meqjusa Konformi**. L-Istituzzjonijiet Finanzjarji li ġejjin huma Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Non-Rappurtar li huma ttrattati bħala FFIs meqjusa konformi għall-għanijiet tat-taqsima 1471 tal-*U.S. Internal Revenue Code*.

A. **Istituzzjonijiet Finanzjarji b'Bażi ta' Klijenti Lokali**. Istituzzjoni Finanzjarja li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

1. L-Istittuzzjoni Finanzjarja trid tkun liċenzjata u regolata bħala istituzzjoni finanzjarja taħt il-liġijiet ta' Malta;

2. L-Istituzzjoni Finanzjarja m'għandhiex ikollha post fiss ta' negozju barra minn Malta. Għal dan il-għan, post fiss ta' negozju ma jinkludix post li ma jkunx irreklamat għal pubbliku u li minnu l-Istituzzjoni Finanzjarja twettaq biss funzjonijiet ta' sostenn amministrattiv.

3. L-Istituzzjoni Finanzjarja m'għandhiex tħajjar klijenti jew Detenturi ta' Kont barra minn Malta. Għal dan il-għan, Istituzzjoni Finanzjarja m'għandhiex tkun ikkunsidrata li ħajret detenturi ta' kont barra minn Malta sempliċiment minħabba f'li l-Istituzzjoni Finanzjarja (a) tħaddem *website*, sakemm il-*website* ma tindikax speċifikament li l-Istituzzjoni Finanzjarja tipprovdi Kontijiet Finanzjarji jew servizzi lil persuni mhux residenti, jew xort'oħra ma jkollhiex fil-mira tagħha jew tħajjar klijenti jew Detenturi ta' Kont tal-Istati Uniti, jew (b) tirriklama fil-midja stampata jew fuq stazzjon tar-radju jew tat-televiżjoni li jkun mqassam jew imxandar primarjament f'Malta iżda li wkoll inċidentalment jkun mqassam jew imxandar f'pajjiżi oħra, sakemm ir-reklam ma jindikax speċifikament li l-Istituzzjoni Finanzjarja tipprovdi Kontijiet Finanzjarji jew servizzi lil persuni mhux residenti, u li xort'oħra m'għandhiex fil-mira tagħha jew tħajjar klijenti jew Detenturi ta' Kont tal-Istati Uniti;

4. L-Istituzzjoni Finanzjarja għandha tkun meħtieġa taħt il-liġijiet ta' Malta li tidentifika Detenturi ta' Kont residenti għall-għanijiet ta' rappurtar ta' informazzjoni jew ta' *withholding* ta' taxxa fir-rigward ta' Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn residenti jew għall-għanijiet li tissodisfa r-rekwiżiti ta' diliġenza xierqa tal-AML ta' Malta.

5. Mill-inqas 98 fil-mija tal-valur tal-Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn Istituzzjoni Finanzjarja għandhom ikunu miżmuma minn residenti (inklużi residenti li huma Entitajiet) ta' Malta jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

6. Fl-1 ta' Lulju 2014 jew qabel, l-Istituzzjoni Finanzjarja għandha tibda jkollha politika u proċeduri, konsistenti ma' dawk stabbiliti fl-Anness I, biex tipprevjeni l-Istituzzjoni Finanzjarja milli tipprovdi Kont Finanzjarju lil xi Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti u biex tissorvelja jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja tiftaħ jew iżżomm Kont Finanzjarju għal xi Persuna Speċifikata tal-Istati Uniti li ma tkunx residenti ta' Malta (inkluża Persuna tal-Istati Uniti li kienet residenti ta' Malta meta nfetaħ il-Kont Finanzjarju iżda li sussegwentament waqfet tkun residenti ta' Malta) jew kull NFFE Passiva li jkollha Persuni li Jikkontrollaw li huma residenti tal-Istati Uniti jew ċittadini tal-Istati Uniti li ma jkunux residenti ta' Malta;

7. Tali politika u proċeduri għandhom jipprovdu li kemm-il darba xi Kont Finanzjarju miżmum minn Persuna Speċifikata tal-Istati

Uniti li ma tkunx residenti ta' Malta jew minn NFFE Passiva li jkollha Persuni li Jikkontrollaw li huma residenti tal-Istati Uniti jew ċittadini tal-Istati Uniti li mhumiex residenti ta' Malta jkun identifikat, l-Istituzzjoni Finanzjarja għandha tirrapporta dak il-Kont Finanzjarju kif kien ikun meħtieġ jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja kienet Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar (inkluż li tħares r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni applikabbli fuq il-*website* dwar reġistrazzjoni tal-IRS FATCA jew tagħlaq dak il-Kont Finanzjarju;

8. Fir-rigward ta' Kont Pre-eżistenti miżmum minn individwu li ma jkunx residenti ta' Malta jew minn Entità, l-Istituzzjoni Finanzjarja għandha tirrevedi dawk il-Kontijiet Pre-eżistenti skont il-proċeduri stabbiliti fl-Anness I applikabbli lill-Kontijiet Pre-eżistenti biex tiddentifika kull Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti jew Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti, u għandha tirrapporta dak il-Kont Finanzjarju kif kien ikun meħtieġ jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja kienet Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar (inkluż li tħares r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni applikabbli għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Rappurtar) jew tagħlaq dak il-Kont Finanzjarju;

9. Kull Entità Relatata tal-Istituzzjoni Finanzjarja li tkun Istituzzjoni Finanzjarja għandha tkun inkorporata jew organizzata f'Malta u, bl-eċċezzjoni ta' xi Entità Relatata li tkun fond ta' irtirar deskritt fil-paragrafi A sa D tat-taqsima II ta' dan l-Anness II, tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu A; u

10. L-Istituzzjoni Finanzjarja m'għandux ikollha politika jew prattiċi li jiddiskriminaw kontra il-ftuħ jew iż-żamma ta' Kontijiet Finanzjarji għall-individwi li jkunu Persuni Speċifikati tal-Istati Uniti u residenti ta' Malta.

B. **<u>Bank Lokali</u>**. Istituzzjoni Finanzjarja li tissodisfa r-rekwiżit li ġejjin:

1. L-Istituzzjoni Finanzjarja taħdem unikament bħala (u hi liċenzjata u regolata taħt il-liġijiet ta' Malta bħala) (a) bank jew (b) unjoni ta' kreditu jew organizzazzjoni simili ta' kreditu kooperattiv li taħdem mingħajr profitt;

2. In-negozju tal-Istituzzjoni Finanzjarja jikkonsisti primarjament li tirċievi depożiti minn u tagħti self lil, fir-rigward ta' bank, klijenti mhux professjonali li ma jkunux relatati, u, fir-rigward ta' unjoni ta' kreditu jew organizzazzjoni simili ta' kreditu kooperativ, membri, sakemm li l-ebda membru ma jkollu interess ta' aktar minn ħamsa fil-mija f'dik l-unjoni ta' kreditu jew organizzazzjoni ta' kreditu kooperattiv.

3. L-Istituzzjoni Finanzjarja tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fis-subparagrafi A(2) u A(3) ta' din it-taqsima, sakemm li, b'żieda mal-limitazzjonijiet fuq il-*website* deskritti fis-subparagrafu A(3) ta' din it-taqsima, il-*website* ma tippermettix il-ftuħ ta' Kont Finanzjarju.

4. L-Istituzzjoni Finanzjarja ma jkollhiex aktar minn $175 miljun f'assi fuq il-karta tal-bilanċ tagħha, u l-Istituzzjoni Finanzjarja u kull Entità Relatata, meħudin flimkien, ma jkollhomx aktar minn $500 miljun f'assi totali fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom konsolidati jew meħudin flimkien; u

5. Kull Entità Relatata trid tkun inkorporata jew organizzata f'Malta, u kull Entità Relatata li tkun Istituzzjoni Finanzjarja, bl-eċċezzjoni ta' kull Entità Relatata li tkun fond ta' irtirar deskritt fil-paragrafi A sa D tat-taqsima II ta' dan l-Anness II jew Istituzzjoni Finanzjarja li jkollha biss kontijiet b'valur baxx deskritti fil-paragrafu Ċ ta' din it-taqsima, trid tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu B.

Ċ. **Istituzzjoni Finanzjarja b'Kontijiet b'Valur Baxx Biss**. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

1. L-Istituzzjoni Finanzjarja ma tkunx Entità ta' Investiment;

2. L-ebda Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja jew kull Entità Relatata m'għandu bilanċ jew valur li jeċċedi $50,000, meta tapplika r-regoli stabbiliti fl-Anness I għall-aggregazzjoni ta' kont jew qlib ta' munita; u

3. L-Istituzzjoni Finanzjarja m'għandhiex aktar minn $50,000 miljun f'assi fuq il-karta tal-bilanċ tagħha, u l-Istituzzjoni Finanzjarja u kull Entità Relatata, meħudin flimkien m'għandhomx aktar minn $50 miljun f'assi totali fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom konsolidati jew meħudin flimkien.

D. **Emittent ta' Karta ta' Kreditu Kwalifikat**. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

1. L-Istituzzjoni Finanzjarja tkun Istituzzjoni Finanzjarja unikament għaliex tkun emittent ta' karti ta' kreditu li taċċetta depożiti biss meta l-klijent jagħmel pagament li jkun aktar mill-bilanċ dovut fir-rigward tal-karta u li l-pagament żejjed ma jiġix irritornat immedjatament lill-klijent; u

2. Fl-1 ta' Lulju 2014 jew qabel, l-Istituzzjoni Finanzjarja tibda timplimenta politika u proċeduri li jew jipprevjenu klijent jiddepożita aktar minn $50,000, jew li jiżguraw li kull depożitu ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

klijent li jkun aktar minn $50,000, f'kull każ meta tapplika r-regoli stabbiliti fl-Anness I għall-aggregazzjoni ta' kont u qlib ta' munita, ikun mħallas lura lill-klijent fi żmien 60 jum. Għal dan il-għan, depożitu ta' klijent ma jirreferix għall-bilanċi ta' kreditu dovuti għal ħlas kontestat iżda tinkludi bilanċi ta' kreditu li jirriżultaw minn ritorn ta' merkanzija.

IV. **Entitajiet ta' Investiment li Jikkwalifikaw bħala FFIs Meqjusa Konformi u Regoli Oħra Speċjali**. L-Istituzzjonijiet Finanzjarji deskritti fil-paragrafi A sa E ta' din it-taqsima huma Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Non-Rappurtar li huma ttrattati bħala FFIs meqjusa konformi għall-għanijiet tat-taqsima 1471 tal-*U.S. Internal Revenue Code*. B'żieda ma dan, il-paragrafu F ta' din it-taqsima jipprovdi regoli speċjali applikabbli għall-Entità ta' Investiment.

A. ***Trustee-Documented Trust***. *Trust* stabbilit taħt il-liġijiet ta' Malta sakemm it-*trustee* tat-*trust* jkun Istituzzjoni Finanzjarja tal-Istati Uniti ta' Rappurtar, *Reporting Model 1 FFI*, jew FFI Parteċipanti u jirrapporta l-informazzjoni kollha meħtieġa li tiġi rrappurtata skont il-Ftehim fir-rigward tal-Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti kollha tat-*trust*.

B. **Entità ta' Investiment Sponsorjata u Korporazzjonijiet Barranin Kontrollati**. Istituzzjoni Finanzjarja deskritta fis-subparagrafu B(1) jew B(2) ta' din it-taqsima li jkollha entità li tisponsorja li tikkonforma mar-rekwiżiti tas-subparagrafu B(3) ta' din it-taqsima.

1. Istituzzjoni Finanzjarja tkun Entità ta' Investiment Sponsorjata kemm-il darba tkun (a) Entità ta' Investiment stabbilita f'Malta li ma tkunx intermedjarju kwalifikat, soċjetà barranija ta' *withholding*, jew *trust* barrani ta' *withholding* skont ir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti; u (b) Entità tkun ftehmet mal-Istituzzjoni Finanzjarja li taġixxi bħala entità li tisponsorja dik l-Istituzzjoni Finanzjarja.

2. Istituzzjoni Finanzjarja tkun korporazzjoni barranija kontrollata sponsorjata kemm-il darba (a) l-Istituzzjoni Finanzjarja tkun korporazzjoni barranija kontrollata* organizzata taħt il-liġijiet ta' Malta li ma tkunx internmedjarju kwalifikat, soċjetà barranija ta' *withholding*, jew *trust* barrani ta' *withholding* skont ir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti; (b) l-Istituzzjoni Finanzjarja tkun proprjetà

* "Korporazzjoni barranija kontrollata" tfisser kull korporazzjoni barranija kemm-il darba aktar minn 50 fil-mija tas-saħħa tal-vot totali kombinat tal-klassijiet kollha tal-ishma ta' dawk il-korporazzjonijiet intitolati għall-vot, jew li l-valur totali tal-ishma ta' dawk il-korporazzjonijiet, ikun proprjetà ta' jew ikun ikkunsidrat li hu proprjetà ta' "Detenturi ta' Ishma tal-Istati Uniti" f'xi jum matul is-sena taxxabbli ta' dik il-korporazzjoni barranija. Il-frażi "Detentur ta' Ishma tal-Istati Uniti" tfisser, fir-rigward ta' xi korporazzjoni barranija, persuna tal-Istati Uniti li tkun propjetarju ta', jew li tkun ikkunsidrata li hi proprjetarju ta', 10 fil-mija jew aktar tas-saħħa tal-vot totali kombinat tal-klassijiet tal-ishma intitolati għall-vot ta' dik il-korporazzjoni barranija.

għalkollox, direttament jew indirettament, ta' Istituzzjoni Finanzjarja tal-Istati Uniti ta' Rappurtar li taqbel li taġixxi, jew teħtieġ affiljat tal-Istituzzjoni Finanzjarja li jaġixxi, bħala entità ta' sponsorjar għall-Istituzzjoni Finanzjarja; u (ċ) l-Istituzzjoni Finanzjarja taqsam sistema komuni ta' ikkuntjar elettronika mal-entità li tisponsorja sabiex tidentifika d-Detenturi tal-Kontijiet u *payees* tal-Istituzzjoni Finanzjarja u sabiex taċċessa l-informazzjoni kollha ta' kontijiet u klijenti miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja inkluż, iżda mhux limitat għal, informazzjoni dwar identifikar ta' klijent, dokumentazzjoni dwar klijent, bilanċ ta' kont, u l-pagamenti kollha magħmula lid-Detentur tal-kont jew *payee*.

3. L-Entità li tisponsorja tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

a) L-entità li tisponsorja tkun awtorizzata li taġixxi f'isem l-Istituzzjoni Finanzjarja (bħal maniġer ta' fond, *trustee*, direttur ta' kumpannija, jew soċju li jimmaniġġja) sabiex tissodisfa r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni applikabbli;

b) L-Entità li tisponsorja tkun irreġistrat bħala entità li tisponsorja skont ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni applikabbli fuq il-*website* dwar reġistrazzjoni tal-IRS FATCA;

ċ) Kemm-il darba l-entità li tisponsorja tidentifika xi Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti fir-rigward tal-Istituzzjoni Finanzjarja, l-Entità li tisponsorja tirreġistra l-Istituzzjoni Finanzjarja skont ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni applikabbli fuq il-*website* dwar reġistrazzjoni tal-IRS FATCA fi jew qabel, skont liema minnhom tiġi l-aħħar, il-31 ta' Diċembru 2015 u d-data li tkun 90 jum wara li dak il-Kont Rapportabbli tal-Istati Uniti jkun identifikat għall-ewwel darba.

d) L-Entità li tisponsorja taqbel li twettaq, f'isem l-Istituzzjoni Finanzjarja, ir-rekwiżiti ta' diliġenza xierqa, *withholding*, rappurtar, u rekwiżiti oħra li l-Istituzzjoni Finanzjarja kienet tkun meħtieġa li twettaq li kieku kienet Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar;

e) L-entità li tisponsorja tidentifika l-Istituzzjoni Finanzjarja u tinkludi n-numru li jidentifika l-Istituzzjoni Finanzjarja (li jinkiseb billi tissodisfa r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni applikabbli) fl-irrapurtar li tlesti f'isem l-Istituzzjoni Finanzjarja; u

f) L-entità li tisponsorja ma jkollhiex l-istatus tagħha ta' *sponsor* revokat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ċ. **<u>Mezz ta' Investiment *Closely Held* Sponsorjat</u>**. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

1. L-Istituzzjoni Finanzjarja tkun Istituzzjoni Finanzjarja unikament għaliex tkun Entità ta' Investiment u ma tkunx intermedjarju kwalifikat, soċjetà barranija ta' *withholding*, jew *trust* barrani ta' *withholding* skont ir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti;

2. L-Entità li tisponsorja tkun Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar, *Reporting Model 1 FFI*, jew FFI Parteċipanti, tkun awtorizzata li taġixxi f'isem l-Istituzzjoni Finanzjarja (bħala maniġer professjonali, *trustee*, jew soċju li jimmaniġġja), u taqbel li twettaq, f'isem l-Istituzzjoni Finanzjarja, ir-rekwiżiti ta' diliġenza xierqa, *withholding*, rappurtar, u rekwiżiti oħrajn li l-Istituzzjoni Finanzjarja kienet tkun meħtieġa li twettaq li kieku kienet Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar.

3. L-Istituzzjoni Finanzjarja ma żżommx lilha nnifisha bħala mezz ta' investiment għall-partijiet li ma jkunux relatati magħha;

4. Għoxrin individwu jew anqas ikunu proprjetarji tal-interess tad-dejn u tal-Interess tal-Ekwità kollu fl-Istituzzjoni Finanzjarja (għandu jkun injorat interess ta' dejn li jkun proprjetà ta' FFIs parteċipanti u FFIs meqjusa konformi u Interess ta' Ekwità li jkun proprjetà ta' Entità kemm-il darba dik l-Entità tkun proprjetarja 100 fil-mija tal-interess ta' Ekwità fl-Istituzzjoni Finanzjarja u hi nnifisha tkun Istituzzjoni Finanzjarja sponsorjata deskritta fil-paragrafu Ċ); u

5. L-Entità li tisponsorja tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

a) L-entità li tisponsorja tkun irreġistrat bħala entità li tisponsorja fuq il-*website* dwar reġistrazzjoni tal-IRS FATCA;

b) L-entità li tisponsorja taqbel li twettaq, f'isem l-Istituzzjoni Finanzjarja, ir-rekwiżiti ta' diliġenza xierqa, *withholding*, rappurtar, u rekwiżiti oħrajn li l-Istituzzjoni Finanzjarja kienet tkun meħtieġa li twettaq li kieku kienet Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar u żżomm id-dokumentazzjoni miġbura dwar l-Istituzzjoni Finanzjarja għal perjodu ta' sitt snin;

ċ) L-entità li tisponsorja tidentifika l-Istituzzjoni Finanzjarja u tinkludi n-numru ta' identifikazzjoni tal-Istituzzjoni Finanzjarja (li jinkiseb billi jiġu segwiti r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni applikabbli) fl-irrappurtar kollu li tlesti f'isem l-Istituzzjoni Finanzjarja; u

d) L-entità li tisponsorja ma jkollhiex l-istatus tagħha ta' sponsor revokat.

D. **Konsulenti dwar Investiment u Maniġers ta' Investiment**. Entità ta' Investiment stabbilita f'Malta li tkun Istituzzjoni Finanzjarja unikament għaliex hi (1) tagħti parir lil, u taġixxi f'isem, jew (2) timmaniġġja portafoll għal, u taġixxi f'isem, klijent għall-għanijiet li tinvesti, timmaniġġja, jew tamministra fondi depożitati f'isem il-klijent ma' Istituzzjoni Finanzjarja ħlief Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti.

E. **Mezz ta' Investiment Kollettiv**. Entità ta' Investiment stabbilita f'Malta li tkun regolata bħala mezz ta' investiment kollettiv, sakemm l-interessi kollha fil-mezz ta' investiment kollettiv (inkluż interessi dwar dejn li jeċċedu $50,000) ikunu miżmuma minn jew permezz ta' wieħed jew aktar sidien benefiċjarji eżenti, NFFEs Attivi deskritti fis-subparagrafu B(4) tat-taqsima VI tal-Anness I, Persuni tal-Istati Uniti li mhumiex Persuni tal-Istati Uniti Speċifikati, jew Istituzzjonijiet Finanzjarji li mhumiex Istituzzjonijiet Finanzjarji Mhux Parteċipanti.

F. **Regoli Speċjali**. Ir-regoli li ġejjin japplikaw għall-Entità ta' Investiment:

1. Fir-rigward ta' interessi f'Entità ta' Investiment li tkun mezz ta' investiment kollettiv deskritt fil-paragrafu E ta' din it-taqsima, l-obbligi ta' rappurtar ta' kull Entità ta' Investiment (ħlief għall-Istituzzjoni Finanzjarja li permezz tagħha jkunu jinżammu l-interessi fil-mezz ta' investiment kollettiv) għandhom ikunu meqjusa sodisfatti.

2. Fir-rigward ta' interessi fi:

a) Entità ta' Investiment stabbilita f'Ġurisdizzjoni Sieħba li tkun regolata bħala mezz ta' investiment kollettiv, li l-interessi kollha fiha (inklużi interessi f'dejn li jeċċedu $50,000) ikunu miżmuma minn jew permezz ta' wieħed jew aktar sidien benefiċjarji eżenti, NFFEs Attivi deskritti fis-subparagrafu B(4) tat-taqsima VI tal-Anness I, Persuni tal-Istati Uniti li mhumiex Persuni tal-Istati Uniti Speċifikati, jew Istituzzjonijiet Finanzjarji li mhumiex Istituzzjonijiet Finanzjarji Mhux Parteċipanti; jew

b) Entità ta' Investiment li tkun mezz ta' investiment kollettiv kwalifikat taħt ir-Regolamenti tat-Teżor tal-Istati Uniti rilevanti;

l-obbligi ta' rappurtar ta' kull Entità ta' Investiment li tkun Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta (ħlief għall-Istituzzjoni Finanzjarja li permezz tagħha l-interessi fil-mezz ta' investiment kollettiv ikunu miżmuma)

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom ikunu meqjusa sodisfatti.

3. Fir-rigward ta' interessi f'Entità ta' Investiment stabbilita f'Malta li ma tkunx deskritta fil-pargrafu E jew is-subparagrafu F(2) ta' din it-taqsima, konsistenti mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim, l-obbligi ta' Rappurtar tal-Entitajiet ta' Investiment l-oħra kollha fir-rigward ta' dawk l-interessi għandhom ikunu meqjusa sodisfatti kemm-il darba l-informazzjoni meħtieġa li tiġi rrapurtata mill-Entità ta' Investiment l-ewwel msemmija skont il-Ftehim fir-rigward ta' dawk l-interessi tkun irrapurtata minn dik l-Entità ta' Investiment jew persuna oħra.

4. Entità ta' investiment stabbilita f'Malta li tkun regolata bħala mezz ta' investiment kollettiv m'għandhiex tonqos milli tikkwalifika taħt il-paragrafu E jew is-subparagrafu F(2) ta' din it-taqsima, jew xort'oħra bħala FFI meqjusa konformi, unikament għaliex il-mezz ta' investiment kollettiv ikun ħareġ ishma fiżiċi f'forma *bearer* sakemm li:

a) Il-mezz ta' investiment kollettiv ma jkunx ħareġ, u ma joħroġx, xi ishma fiżiċi f'forma *bearer* wara l-31 ta' Diċembru 2012;

b) Il-mezz ta' investiment kollettiv jirtira dawk l-ishma kollha meta jiġu ċeduti;

ċ) Il-mezz ta' investiment kollettiv (jew Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar) twettaq il-proċeduri ta' diliġenza xierqa stabbiliti fl-Anness I u tirrapporta kull informazzjoni li tkun meħtieġa li tiġi rrapurtata fir-rigward ta' tali ishma meta tali ishma ikunu ppreżentati għall-fidi jew ħlas ieħor; u

d) Il-mezz ta' investiment kollettiv għandu fis-seħħ politika u proċeduri biex jiżguraw li dawk l-ishma jiġu mifdija jew immobilizzati malajr kemm jista' ikun, u f'kull eventwalità qabel l-1 ta' Jannar 2017.

V. **Kontijiet Esklużi minn Kontijiet Finanzjarji**. Il-kontijiet li ġejjin huma esklużi mit-tifsira ta' Kontijiet Finanzjarji u għalhekk mhumiex ittrattati bħala Kontijiet Rapportabbli tal-Istati Uniti.

A. **Ċerti Kontijiet ta' Tifdil**.

1. **Kont ta' Irtirar u ta' Pensjoni**. Kont ta' irtirar jew ta' pensjoni miżmum f'Malta li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin taħt il-liġijiet ta' Malta.

a) Il-Kont ikun soġġett li jkun irregolat bħala kont personali ta' irtirar jew ikun parti ta' pjan ta' irtirar jew pensjoni li jkun reġistrat jew regolat sabiex jipprovdi benefiċċji ta' irtirar jew pensjoni (inklużi benefiċċji ta' diżabilità jew mewt);

b) Il-kont ikun iffavorit għat-taxxa (jiġifieri kontribuzzjonijiet lill-kont li xort'oħra jkunu soġġetti għat-taxxa taħt il-liġijiet ta' Malta jkunu deduċibbli jew eskluži mill-*income* gross tad-detentur tal-kont jew ikunu intaxxati b'rata mnaqqsa, jew it-tassazzjoni tal-*income* minn investiment mill-kont tiġi differita jew isir intaxxar b'rata mnaqqsa);

ċ) Irrapurtar ta' informazzjoni kull sena jkun meħtieġ lill-awtoritajiet tat-taxxa ta' Malta fir-rigward tal-kont;

d) Ġbid ikun ikkundizzjonat meta tintlaħaq età ta' irtirar speċifika, diżabilità, jew mewt, jew penali tapplika dwar ġbid li jsir qabel tali eventwalità speċifika; u

e) Jew (i) kontribuzjonijiet annwali jkunu limitati għal $50,000 jew anqas, jew (ii) jkun hemm limitu ta' kontribuzzjoni massima għall-ħajja dwar il-kont ta' $1,000,000 jew anqas, f'kull każ billi jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Anness I għall-aggregazzjoni ta' kont u qlib ta' munita.

2. **<u>Kontijiet ta' Tifdil Mhux ta' Irtirar</u>**. Kont miżmum f'Malta (ħlief għal Kuntratt ta' Assigurazzjoni jew ta' *Annuity*) li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin taħt il-liġijiet ta' Malta:

a) Il-kont ikun soġġett li jkun irrregolat bħala mezz ta' tifdil għall-għanijiet ħlief dawk ta' irtirar;

b) Il-kont ikun iffavorit għat-taxxa (jiġifieri kontribuzzjonijiet lill-kont li xort'oħra jkunu soġġetti għat-taxxa taħt il-liġijiet ta' Malta jkunu deduċibbli jew eskluži mill-*income* gross tad-detentur tal-kont jew ikunu intaxxati b'rata mnaqqsa, jew it-tassazzjoni tal-*income* minn investiment mill-kont tiġi differita jew isir intaxxar b'rata mnaqqsa);

ċ) Ġbid ikun ikkundizzjonat billi jiġu sodisfatti kriterji speċifiċi relatati mal-għan tal-kont ta' tifdil (per eżempju, li jiġu pprovduti benefiċċji edukattivi jew mediċi), jew penali tapplika dwar ġbid magħmul qabel dawk il-kriterji jiġu sodisfatti; u

d) Kontribuzzjonijiet annwali jkunu limitati għal $50,000 jew anqas, billi jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Anness I għall-aggregazzjoni ta' kont jew qlib ta' munita.

B. **<u>Ċerti Kuntratti ta' Assigurazzjoni fuq il-Ħajja b'Terminu</u>**. Kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja miżmum f'Malta b'perjodu kopert li jintemm qabel li l-individwu assigurat jagħlaq 90 sena, sakemm li l-kuntratt jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

1. Primjums perjodiċi, li ma jonqsux maż-żmien, ikunu pagabbli mill-inqas kull sena matul il-perjodu li l-kuntratt ikun jeżisti jew sakemm l-assigurat jagħlaq 90 sena, skond liema hu l-iqsar;

2. Il-kuntratt m'għandux valur ta' kuntratt li xi persuna tista' taċċessa (permezz ta' ġbid, self, jew xort'oħra) mingħajr ma tittermina l-kuntratt;

3. L-ammont (ħlief għall-benefiċċju ta' mewt) pagabbli mal-kanċellazzjoni jew terminazzjoni tal-kuntratt ma jistax jeċċedi il-primjums aggregati mħallsa għall-kuntratt, nieqes s-somma tal-ħlasijiet ta' mortalità, morbidità, u spejjeż (sew jekk imposti sew jekk le) għall-perjodu jew perjodi tal-eżistenza tal-kuntratt u kull ammont imħallas qabel il-kanċellament jew terminazzjoni tal-kuntratt; u

4. Il-kuntratt ma jkunx miżmum mit-*transferee* għal valur.

Ċ. **<u>Kont Miżmum minn *Estate*</u>**. Kont miżmum f'Malta li jkun miżmum unikament minn *estate* kemm-il darba d-dokumentazzjoni għal dak il-kont tinkludi kopja tat-testment tal-mejjet jew ċertifikat tal-mewt.

D. **<u>Kont *Escrow*</u>**. Kont miżmum f'Malta stabbilit b'konnessjoni ma' xi waħda minn dawn li ġejjin:

1. Ordni jew sentenza tal-qorti.

2. Bejgħ, skambju, jew kiri ta' proprjetà reali jew personali, sakemm il-kont jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Il-kont ikun iffinanzjat biss bi ħlas bil-quddiem, antiċipu, depożitu f'ammont xieraq li jiżgura obbligu relatat direttament mat-transazzjoni, jew pagament simili, jew ikun finanzjat b'assi finanzjarju li jkun depożitat fil-kont b'konnessjoni mal-bejgħ, skambju, jew kiri tal-proprjetà;

b) Il-kont ikun stabbilit u użat unikament biex jiżgura l-obbligu tax-xerrej li jħallas il-prezz tax-xiri tal-proprjetà, il-bejjiegħ biex iħallas xi obbligazzjoni kontinġenti, jew min jikri jew il-kerrej li jħallsu għal kull ħsara relatata mal-kiri tal-proprjetà kif miftiehem taħt il-kirja;

ċ) L-assi tal-kont, inkluż l-*income* li jinqala' fuqhom, jitħallsu jew xort'oħra jitqassmu għall-benefiċċju tax-xerrej,

bejjiegħ, ta' min jikri, jew il-kerrej (inkluż li jissodisfaw l-obbigu ta' dik il-persuna) meta l-proprjetà tinbiegħ, tiġi skambjata, jew ċeduta, jew il-kirja tintemm;

d) Il-kont ma jkunx kont *margin* jew simili stabbilit b'konnessjoni ma' bejgħ jew skambju ta' assi finanzjarju; u

e) Il-kont ma jkunx assoċjat ma' kont ta' karta ta' kreditu.

3. Obbligu ta' Istituzzjoni Finanzjarja li tagħti servizz ta' self garantit permezz ta' proprjetà reali biex twarrab parti minn pagament unikament sabiex tiffaċilita l-ħlas ta' taxxi jew assigurazzjoni relatata mal-proprjetà reali fi żmien aktar tard.

4. Obbligu ta' Istituzzjoni Finanzjarja unikament biex tiffaċilita il-ħlas ta' taxxi fi żmien aktar tard.

E. **Kontijiet ta' Ġurisdizzjoni Sieħba**. Kont miżmum f'Malta u eskluż mit-tifsira ta' Kont Finanzjarju taħt ftehim bejn l-Istati Uniti u Ġurisdizzjoni Sieħba oħra biex jiffaċilita l-implementazzjoni tal-FATCA, sakemm li dak il-kont ikun soġġett għall-istess rekwiżiti u sorveljanza taħt il-liġijiet ta' dik il-Ġurisdizzjoni Sieħba l-oħra daqs li kieku dak il-kont kien stabbilit f'dik il-Ġurisdizzjoni Sieħba u miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġuridizzjoni Sieħba f'dik il-Ġurisdizzjoni Sieħba.

VI. **Tifsiriet**. It-tifsiriet addizzjonali li ġejjin japplikaw għad-deskrizzjonijiet ta' hawn fuq:

A. ***Reporting Model 1 FFI***. Il-frażi *Reporting Model 1 FFI* tfisser Istituzzjoni Finanzjarja f'liema rigward gvern mhux tal-Istati Uniti jew aġenzija tiegħu jaqbel li jikseb u jiskambja informazzjoni skont *Model 1 IGA*, ħlief Istituzzjoni Finanzjarja ttratata bħala Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Parteċipanti taħt *Model 1 IGA*. Għall-għanijiet ta' din it-tifsira, il-frażi *Model 1 IGA* tfisser arranġament bejn l-Istati Uniti jew id-Dipartiment tat-Teżor u gvern mhux tal-Istati Uniti jew waħda jew aktar aġenziji tiegħu biex jimplimentaw il-FATCA permezz ta' rappurar minn Istituzzjonijiet Finanzjarji lil dak il-gvern mhux tal-Istati Uniti jew aġenzija tiegħu, segwit minn skambju awtomatiku ta' dik l-informazzjoni irrapurtata mal-IRS.

B. **FFI Parteċipanti**. Il-frażi FFI Parteċipanti tfisser Istituzzjoni Finanzjarja li qablet li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' Ftehim ta' FFI, inkluż Istituzzjoni Finanzjarja deskritta f'*Model 2 IGA* li qablet li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' Ftehim ta' FFI. Il-frażi FFI Parteċipanti tinkludi wkoll fergħa ta' intermedjarju kwalifikat ta' Istituzzjoni Finanzjarja tal-Istati Uniti ta' Rappurtar, sakemm il-fergħa ma tkunx *Reporting Model 1 FFI*. Għall-għanijiet ta' din it-tifsira, il-frazi Ftehim ta' FFI tfisser ftehim li jistabbilixxi

VERŻJONI ELETTRONIKA

r-rekwiżiti għall-Istituzzjoni Finanzjarja li tkun ittratata bħala li tikkonforma mar-rekwiżiti tat-taqsima 1471(b) tal-*U.S. Intrrnal Revenue Code*. B'żieda ma' dan, għall-għanijiet ta' din it-tifsira, il-frażi *Model 2 IGA* tfisser arranġament bejn l-Istati Uniti jew id-Dipartiment tat-Teżor u gvern mhux tal-Istati Uniti jew aġenzija waħda jew aktar tiegħu biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-FATCA permezz ta' rappurtar minn Istituzzjoni Finanzjarja direttament lill-IRS skont r-rekwiżiti ta' Ftehim ta' FFI, supplimentat bl-iskambju ta' informazzjoni bejn dak il-gvern mhux tal-Istati Uniti jew aġenzija tiegħu u l-IRS.